# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 33/2014 BS**

**Paul u Rosemarie konjuġi Sultana**

**-vs-**

**Jude Thaddeus sive Teddie Vella; Frances Vella; Eucharist Gauci; Josephine Gauci; Josef Gauci; Gregory Grech; Agnes Grech; Marco Attard; u L.G. Investments Limited**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Paul u Rosemarie Sultana[1] illi ppremettew:**

1. ILLI l-esponenti kienu ġew inkarigati minn Frances Vella (mart l-intimat l-ieħor Jude Thaddeus Vella), Gregory Grech (ir-raġel tal-intimata l-oħra Agnes Grech) u Marco Attard (li iktar tard l-esponenti saru jafu li jinnegozja permezz tal-kumpannija tiegħu, l-

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 5 b'dokumenti a fol 6 sa 27.

intimata LG Investments Limited) sabiex iwettqu xogħol ta' kostruzzjoni fuq partijiet komuni tal-blokk ta' garages [sic] mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq is-Salini, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex;

2. ILLI effettivament l-esponenti kienu wettqu dawn ix-xogħlijiet kollha u dan kollu għas-sodisfazzjoni ta' min kien inkarigahom iwettquh tant li meta nħarġu l-kontijiet, u għalkemm kien meħtieġ li tintbagħat ittra uffiċjali li titlob il-ħlas, it-tliet kommittenti ħallsu parti mill-ammont dovut mingħajr ebda problema partikolari għajr li, kif ser jiġi spjegat f'dan ir-rikors ġuramentat, inqalgħu problemi dwar il-kwoti rispettivi dovuti fost il-konvenuti nfushom;

3. ILLI l-parti li baqgħet ma tħallsitx ma tħallsitx għaliex skont il-kommittenti dak is-sehem ma kienx dovut minnhom imma mill-intimati Gauci għaliex skont il-kommittenti, bejniethom u l-konjuġi Gauci hemm ftehim li l-ispejjeż sabiex jinbnew il-partijiet komuni kellhom jitħallsu fi kwoti separati mill-koppja Vella, mill-koppja Grech, minn Marco Attard, u minn Gauci. Barra minn hekk, skont il-kommittenti, parti mix-xogħlijiet li twettqu mill-esponenti saru għall-benefiċċju esklużiv ta' Gauci u kwindi kellhom jitħallsu esklużivament minn Gauci;

4. GĦAL dawn ir-raġunijiet, kien fadal dovut lill-esponenti ammont ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€25,293.17ċ) li baqa' ma tħallasx;

5. ILLi l-esponenti kienu injari għal kollox [sic] minn tali ftehim kemm fil-mument li ġie appaltat ix-xogħol lilhom kif ukoll waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol da parti tagħhom;

6. ILLI madankollu iktar tard kien ġie prodott lill-esponenti kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi bejn l-intimati kollha tal-għaxra (10) ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008) li effettivament jistipula li l-ispejjeż tal-bini u formazzjoni tal-partijiet komuni inkwistjoni [sic] kellhom jitħallsu mill-konjuġi Vella, mill-kumpannija L.G. Investments Limited, mill-konjuġi Grech u minn Gauci "*pro rata* bejniethom skond in-numru ta' garages [sic] appartenenti lil kull

parti u liema garages [sic] ikollhom l-aċċess tagħhom bil-vettura mir-rampi u *drive-in* interni";

7. ILLI l-esponenti jemmnu li fil-konfront tagħhom dak il-kuntratt huwa *res inter alios acta*, u huma għandhom id-dritt jitħallsu minn min effettivament qabbadhom iwettqu x-xogħol, salv kull dritt ta' rigress spettanti lill-kommittenti kontra min huwa obbligat fil-konfront tagħhom. Madankollu, fid-dawl tar-risposti mogħtija lilhom mid-diversi intimati għall-integrità tal-ġudizzju l-esponenti jemmnu li jkun opportun li l-kawża ssir fil-konfront tal-intimati kollha;

8. ILLI di più, l-esponenti jemmnu li l-intimati Gauci għandhom obbligu fil-konfront tal-esponenti li jħallsu kumpens għax-xogħol imwettaq mill-esponenti anki għaliex huma kienu jafu sa mill-bidunett [sic] bil-fatt li x-xogħol kien qiegħed isir, aċċettaw li jsir dak ix-xogħol u bbenefikaw mir-riżultat ta' dak ix-xogħol minħabba l-awment riżultanti fil-valur tal-propjetà tagħhom. Saħansitra Eucharist Gauci kien ġie javviċina lill-attur fuq il-lant tax-xogħol u jitolbu pariri u kien anki attenda meta kien qed isir il-kejl tax-xogħol;

9. ILLI s-sitwazzjoni llum hija li ħadd mill-intimati ma jrid iħallas xejn mill-ammont dovut lill-esponenti għaliex kull wieħed minnhom qiegħed jipprova jakkolla r-responsabbiltà għall-ħlas ta' dan l-ammont fuq il-partijiet l-oħra;

10. ILLI trattandosi minn debitu kummerċjali, li dwar il-likwidazzjoni tiegħu kien hemm qbil sa mill-mument li nħareġ il-kont mis-surveyor inkarigat, għandhom jiddekorru favur l-esponenti l-imgħaxijiet bir-rata kummerċjali sa mid-data tal-ħruġ ta' dak il-kont u ċjoè mit-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u disgħa (2009) għax-xogħol li sar fil-*basement level*; tmintax (18) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) għax-xogħol li sar fl-*intermediate level*; u l-ewwel (1)ta' Ġunju elfejn u ħdax (2011) għax-xogħol li sar fis-*semibasement level*.

**Talbu għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara li intom, jew min minnkom, għandkom tħallsu lill-atturi ammont ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u

sbatax-il ċenteżmu (€25,293.17ċ) rappreżentanti bilanċ dovut bi ħlas ta' xogħol ta' kostruzzjoni fuq partijiet komuni tal-blokk ta' garages [sic] mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq is-Salini, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex;

2. Tikkundannakom lilkom jew min minnkom tħallsu dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet fuq dan l-ammont bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) b'effett mid-data tal-ħruġ ta' dak il-kont u ċjoè mit-tmiena (8) ta' Lulju elfejn u disgħa (2009) għax-xogħol li sar fil-*basement level*; tmintax (18) ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) għax-xogħol li sar fil-*intermediate level*; u l-ewwel (1) ta' Ġunju elfejn u ħdax (2011) għax-xogħol li sar fis-*semibasement level* sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar 2013 u tat-30 ta' April 2014, kontra tagħkom jew min minnkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Gregory Grech u Agnes Grech[2] illi eċċepew:**

1. ILLI t-talbiet attriċi in kwantu huma diretti kontra l-eċċipjenti huma nfondati stante li huma ħallsu l-ammont li kien dovut minnhom li jirrapprezenta l-ammont ta' xogħol esegwit mill-attur li minnkom [sic] huma bbenefikaw;

2. ILLI kif jippremetti l-istess attur, l-appalt minnu esegwit ġie mogħti lilu mill-konvenuti kollha u aċċetta l-ħlas mingħand kull wieħed minnhom kullħadd [sic] skond is-sehem tiegħu ta' xogħol esegwit a benefiċċju tiegħu;

3. ILLI anke kieku kien kif qiegħed jallega l-istess attur li inqalgħu [sic] problema dwar il-kwoti rispettivi dovuti fost il-konvenuti nnifishom u ma kienx jaf min minnhom kellu jħallas il-bilanċ dovut, huwa stess jammetti li t-tlett (3) [sic] konvenuti l-oħra minbarra Eucharistico Gauci kollha ħalsuh parti mill-ammont dovut u kien Eucharistico Gauci biss li ma ħallas xejn. Anke kieku kien kif qed

[2] Risposta gur. a fol 40 sa 42.

jgħid l-istess attur li kien hemm disgwid fil-kwoti dovuti bejniethom (li mhuwiex il-każ) kien ċar daqs il-kristall li l-konvenut Eucharistico Gauci kien għadu ma ħallas xejn u allura minkejja diverġenzi li setgħu inqalgħu [sic] bejn il-konvenuti kien l-istess Eucharistico Gauci li baqa' ma ħallas xejn minkejja li kien wieħed minn dawk li nkarigawh jagħmel ix-xogħol;

4. L-ATTUR ma jistax jgħid li huwa ma kienx jaf bil-ftehim inkorpoat fl-atti tan-nutar Joanne Cauchi tal-10 ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008) meta effettivament huwa tħallas diversi ammonti mingħand diversi sidien, tħallas akkont a bażi ta' dak il-ftehim u ħalla debita riċevuta. Għalhekk filwaqt li ma kienx firmatarju għal dak il-kuntratt ma jistax jgħid li għalih dak il-ftehim kien 'res inter alios acta', għaliex huwa aġixxa a tenur tal-istess ftehim in kwantu huwa tħallas skond il-parti tax-xogħol li kull wieħed u waħda bbenefika mill-appalt;

5. ILLI fil-konfront tal-eċċipjenti hemm ta' ostakolu l-kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Joanne Cauchi tal-10 ta' Ottubru 2008 fejn hemm miftiehem kif kellu jitħallas l-appalt u minn min. L-attur aċċetta l-pagament ukoll a bażi ta' dak l-arranġament, u infatti ezebixxa kopja tal-istess kuntratt. Għalhekk qabel ma ġie biex jiftaħ din il-kawża l-attur kien jaf bl-arranġament ezisteni (anke jekk ma kienx jaf meta effettivament ġie nkarigat) u [i]rratifika dak il-ftehim billi aċċetta d-diversi pagamenti mingħand ir-rispettivi konvenuti u kullħadd [sic] skond il-kwota stabbilita;

6. ILLI fi kwalunkwe każ u kif jemmen l-istess attur l-ammont reklamat huwa dovut unikament mill-konvenut Eucharistico Gauci u l-mara tiegħu li għalhekk għandhom ibgħatu [sic] l-ispejjez ta' din l-istanza.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Eucharist Gauci, Josephine Gauci u Josef Gauci[3] illi eċċepew:**

1. ILLI l-eċċepjenti m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi u qatt ma inkarigawhom jagħmlu xi xogħolijiet [sic]. Tali relazzjoni

[3] Risposta gur. a fol 43 u 44.

ġuridika ta' l-atturi [sic] tista' biss teżisti ma' dawk il-konvenuti l-oħrajn li setgħu inkarigawhom minn xi xogħol;

2. ILLI mhuwiex korrett li jingħad li x-xogħolijiet eżegwiti saru fl-interess tal-eċċeppjenti;

3. ILLI l-ftehim ċitat mill-atturi u li kien ftehim li seta' sar bejn il-konvenuti huwa għall-atturi res inter alios acta;

4. ILLI ma huwa mogħti l-ebda dritt fil-liġi lill-atturi li jinvestiaw u jesploraw f'din il-kawża ir-relazzjonijiet [sic] interni ta' bejn il-konvenuti;

5. ILLI jekk kellhom jiġu investigati r-relazzjonijiet interni ta' bejn il-konvenuti anke' [sic] a bażi tal-ftehim tal-4 ta' Ġunju tas-sena 2008, l-eċċepjenti għandhom jieħdu somom sostanzjali ta' flus mingħand il-konvenuti l-oħra;

6. ILLI permezz ta' ittra uffiċċjali [sic] spedita fid-9 ta' Mejju 2014 (ittra nru 232/14) preżentata quddiem din il-Qorti, l-atturi odjerni ġew informati mill-eċċepjenti illi l-eċċepjenti kienu qed jirreżistu kwalsiasi talbiet tal-atturi peress illi ma kienet [sic] teżisti l-ebda relazzjoni ġurdika bejn il-partijiet. Illi ġialadarba [sic] l-atturi kienu pre-ammoniti b'dan il-fatt, l-azzjoni tagħhom fil-konfront tal-eċċepjenti hija waħda frivola u vessatorja u għalhekk l-atturi għandhom ibagħtu [sic] l-ispejjeż fil-konfront tal-eċċepjenti u għandhom jiġi applikati ukoll il-kombinazzjonijiet stipulati mil-liġi għall-kawżi frivoli u vessatorji mingħajr preġudizzju għas-suespost;

7. IT-TALBIET attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u l-eċċepjenti qegħdin jopponu kwalsiasi talba intavolata mill-istess atturi;

8. ILLI din ir-risposta qed issir mill-konvenuti kollha u qed tiġi konfermata bil-ġurament minn Eucharist Gauci li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in eċċezzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Jude Thaddeus sive Teddie u Frances konjuġi Vella[4] illi eċċepew:**

(1) ILLI l-intimati konjuġi Vella ġià [sic] ħallsu l-intier tas-sehem dovut minnhom għax-xogħol ta' kostruzzjoni magħmul mir-rikorrenti m'hu dovut l-ebda ammont ulterjuri minnhom lir-rikorrenti, kif *del resto* ġià [sic] irrikonoxxew l-istess rikorrenti. Difatti fil-kontijiet maħruġa mir-rikorrenti stess, huma indikaw li l-ammont dovut mill-konjuġi Vella għax-xogħol esegwit kien jammonta għal ħmistax-il elf ħamsa u ħamsin ewro u sitta u erbgħin ewro ċenteżmi (€15,055.46) (***Dokument FV 1***). Dan l-ammont tħallas mill-konjuġi Vella permezz ta' żewġ pagamenti skont kif jirriżulta mill-istatment u l-irċevuti relattivi hawn annessi u markati bħala ***Dokumenti FV2 u FV3***;

(2) ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess, ma teżisti l-ebda solidarjetà bejn il-konjuġi Vella u l-partijiet l-oħra involuti fl-iżvilupp tal-blokk ta' garaxxijiet mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq is-Salini, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex stante li din ma ġietx miftehma espressament bejn il-partijiet intimati u l-istess rikorrenti. Per konsegwenza għalhekk l-istess konjuġi Vella ma jistgħux jiġi kundannati jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet li jista' jkunu għadhom dovuti lir-rikorrenti minn xi ħadd mill-intimati;

(3) ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk bejn l-intimati u r-rikorrenti kienet teżisti xi solidarjetà, ir-rikorrenti irrinunzjaw [sic] għall-effetti ta' tali solidarjetà fil-konfront tal-esponenti konjuġi Vella u taw il-kunsens tagħhom għall-qsim tad-dejn meta ħarġu kont separat lill-intimati konjuġi Vella u l-istess rikorrenti aċċettaw il-ħlas tal-ammont mitlub minnhom mingħand il-konjuġi Vella mingħajr l-ebda riżerva;

(4) ILLI l-ebda interessi m'huma dovuti mill-esponenti lir-rikorrenti stante li m'hemm l-ebda ammont li huwa dovut mill-esponenti. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk talvolta jirriżulta li hemm xi interessi dovuti —u dan qiegħed jingħad għall-pura grazzja tal-argument biss — dawn l-interessi għandhom jiġu komputati mid-data tal-ittra uffiċjali spedita lill-esponenti u mhux mid-data tat-tlestija tax-xogħlijiet;

[4] Risposta gur. a fol 45 sa 48 b'dokumenti a fol 49 sa 51.

(5) ILIL r-rikorrenti konjuġi Sultana kienu ġià [sic] ġew infurmati bil-posizzjoni [sic] tal-konjuġi Vella permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Mejju 2014, ittra numru 233/2014 u għalhekk in kwantu jirrigwarda l-istess esponenti konjuġi Vella, din il-kawża saret inutilment. Isegwi għalhekk li l-esponenti konjuġi Vella m'għandhom ibatu l-ebda spejjeż ta' din il-kawża;

(6) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

(7) B'riferenza għall [sic] kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, imbagħad l-esponenti għandhom is-segwenti x'jirrilevaw:

(a) B'riferenza għall-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafi tar-rikors ġuramentat, mhux korrett li jingħad li r-rikorrenti kien tqabbdu mill-konjuġi Vella, Grech u l-kumpanija LG Investments Limited biss. Ir-rikorrenti kienu jafu sa mill-bidu nett bl-involviment ta' Eucharist, Josephine u Josef Gauci fil-proġett. Ir-rikorrenti kienu wkoll konxji sa mill-bidu nett bil-kuntratt pubbliku tal-10 ta' Ġunju 2008 pubblikat fl-Atti tan-Nutara Joanne Cauchi li kien irregola l-modalità dwar kif kellhom jinqasmu l-ħlasijiet għall-formazzjoni tal-partijiet komuni, tant li l-istess rikorrenti imxew [sic] ma' dan il-kuntratt sabiex iddeterminaw l-ammont li kellu jkun pagabbli minn kull wieħed mill-intimati u fil-fatt talbu lill-intimati konjuġi Vella jħallsu sehemhom skont dak miftiehem fl-istess kuntratt;

(b) Illi għar-rigward it-tieni u d-disa' paragrafi huwa minnu li r-rikorrenti wettqu x-xogħlijiet kollha. Però mhux korrett li jingħad li Vella, Grech u l-kumpanija LG Investiments ħallsu biss parti mill-ammont dovut. In kwantu jirrigwarda l-esponenti konjuġi Vella huma **<u>ħallsu s-sehem kollu li kien dovut minnhom</u>** għax-xogħol esegwit;

(c) Illi għar-rigward l-għaxar paragrafu, l-ebda interessi m'huma dovuti mill-esponenti stante li m'hemm l-ebda ammont li huwa dovut minnhom. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk talvolta

jirriżulta li hemm xi interessi dovuti — u dan qiegħed jingħad għall-pura grazzja tal-argument biss — dawn l-interessi għandhom jiġu komputati mid-data tal-ittra uffiċjali spedita lill-esponenti u mhux mid-data tat-tlestija tax-xogħlijiet u dan għar-raġunijiet li sejrin jiġu spjegati f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

(d) Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti kontra l-eponenti Jude Thaddeus u France konjuġi Vella għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat li jikkomprendu (a) rendikont datat it-30 ta' Ġunju, 2013 maħruġ mill-attur li jnissel tlett fatturi maħruġa: [i] fit-8 ta' Lulju elfejn u disgħa (2009) għal xogħol li sar fil-*basement level*, [ii] fit-18 ta' Jannar elfejn u għaxra (2010) għal xogħol li sar fil-*intermediate level*, u; [iii] fl-1 ta' Ġunju elfejn u ħdax (2011) għal xogħol li sar fis-*semibasement level;*[5] (b) kuntratt bejn il-partijiet konvenuti datat l-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi;[6] (c) sensiela ta' ittri ġudizzjarji spediti bejn il-partijiet kontendenti,[7] u; (d) fatturi ndividwali li jirriżultaw imnissla fir-rendikont identifikat fil-partita (a) ta' dan il-paragrafu.[8]

**Rat** li debitament notifikati nhar is-26 ta' Settembru, 2014, il-konvenuti Marco Attard u *LG Investments Limited* ma' ntavolawx risposta bl-eċċezzjonijiet tagħhom.[9]

**Rat** id-dokumenti eżebiti mar-risposta ġuramentata tal-konvenuti Teddie u Frances konjugi Vella li jikkomprendu: (a) rendikont datat id-19 ta' Frar, 2013 maħruġ mill-attur relattivament għal parti – *pro-rata* – mill-ħlas dovut lilu dwar il-proġett in mertu liema parti kienet tammonta għal € 15,055.46,[10] u; (b) żewġ irċevuti għal-ħlas ta' € 7,300 u € 7,750

[5] Rendikont a fol 6.
[6] Kuntratt a fol 7 sa 14. Jidher li bi zvista dan il-kuntratt gie iccitat fil-premessa numru 6 tar-rik. gur. bhala datat l-10 ta' Ottubru, 2008 izda aktar tard, fil-lista ta' dokumenti mehmuza mal-istess rik. gur., huwa elenkat bhala kuntratt tal-10 ta' Gunju, 2008.
[7] Ittri gudizzjarji a fol 15 sa 20.
[8] Fatturi a fol 21 sa 27.
[9] Ref timbru tan-notifika in verso pagina tal-fol 28.
[10] Rendikont a fol 49.

maħruġa mill-attur lill-konvenuta Frances Vella fis-27 ta' Awwissu, 2013 u fid-19 ta' Frar, 2013 rispettivament.[11]

**Rat** in-nota tal-konvenuti konjuġi Vella li biha ddikjaraw li huma m'għandhom ebda kontestazzjoni għall-kontijiet eżebiti mar-rikors ġuramentat a fol 21 sa 27.[12]

**Rat** in-nota tal-konvenuti familja Gauci li biha ddikjaraw li huma m'humiex f'pożizzjoni li jiddikjaraw jekk għandhomx kontestazzjoni għall-kontijiet eżebiti mar-rikors ġuramentat a fol 21 sa 27 peress li ma' kienux involuti fin-negozjati dwar il-mertu tal-istess.[13]

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' April, 2015 l-avukat patroċinanti l-konvenuti konjuġi Grech iddikjara li ma' hemm ebda kontestazzjoni għall-kontijiet eżebiti mar-rikors ġuramentat a fol 21 sa 27.[14]

**Rat** li fl-istess udjenza tad-29 ta' April, 2015 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[15]

**Rat** in-nota tal-konvenuti konjuġi Grech tal-14 ta' Mejju, 2015 b'dokument anness.[16]

**Rat** in-nota ulterjuri tal-konvenuti konjuġi Grech tat-22 ta' Mejju, 2015 b'anness magħha kopja ta' ċedola numru 320/13 fl-ismijiet *Gregory Grech et vs Eucharist Gauci et* flimkien ma' irċevuta ta' żbank.[17]

**Rat** il-kopji ta' l-ittri legali u emails mibgħuta bejn l-atturi u l-konvenut Eucharist Gauci fl-2013 eżebiti waqt ix-xhieda ta' l-attur ta' nhar l-14 ta' April, 2016.[18]

---

[11] Ircevuti a fol 51.
[12] Nota a fol 77.
[13] Nota a fol 78.
[14] Verbal a fol 112.
[15] Verbal a fol 112.
[16] Nota a fol 114 u dokument a fol 115.
[17] Nota a fol 119, cedola b'dokumenti a fol 120 sa 134, u ricevuta ta' zbank a fol 135. Interessanti li mad-dokumenti mehmuza mac-cedola jirrizultaw il-konteggji tal-Perit Saviour Micallef mahruga dwar xoghol maghmul mil-konvenut Eucharist Gauci – a fol 126 sa 133.
[18] Ittri legali a fol 239 sa 252.

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2016 il-konvenuti konjuġi Vella u l-konvenuti konjuġi Grech iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.[19]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-18 ta' Jannar, 2017 permezz ta' liema eżebew kuntratt ta' kompravendita' tat-22 ta' Settembru, 2011 in atti Nutar Mariosa Grech bejn il-konvenuti konjuġi Grech u l-atturi[20] u kuntratt ta' kompravendita' tat-18 ta' Lulju, 2012 in atti Nutar Kristen Dimech bejn il-konvenut Marco Attard f'isem *LG Investments Limited* u l-atturi[21].[22]

**Rat** in-nota tal-konvenut Eucharist Gauci tad-9 ta' Ottubru, 2019[23] li biha, oltre affidavit tal-Perit Saviour Micallef,[24] eżebixxa riċevuta ta' ħlas minnu lil Perit Saviour Micallef[25] u ftehim datat id-19 ta' Novembru, 2018 bejn Eucharist Gauci, martu Josephine Gauci, u ibnu Josef Gauci fuq naħa u Marco Attard f'ismu proprju u għan-nom ta' *LG Investments Limited* fuq l-oħra bil-ftehim jirreferi għal-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008 u l-partijiet Eucharist Attard pro et noe kif ukoll Marco Attard pro et noe jaqblu li ħadd minnhom m'għandhu jħallas xejn aktar lill-parti l-oħra rigward il-planki ta' pied u disgħa pulzieri u l-infurzar tagħhom.[26]

**Rat** in-nota ulterjuri tal-konvenut Eucharist Gauci tas-26 ta' Frar, 2020[27] li biha eżebixxa kontijiet individwali tiegħu kif ukoll ta' Frances Vella,[28] reġgħa eżebixxa l-istess affidavit tal-Perit Saviour Micallef,[29] eżebixxa wkoll kuntratt tal-4 ta' Settembru, 2014 in atti Nutar Anna Maria Mizzi,[30] reġgħa eżebixxa il-ftehim ta' bejnu pro et noe u Marco Attard pro et noe tad-19 ta' Novembru, 2018,[31] eżebixxa wkoll kont tax-xogħolijiet fil-

---

[19] Verbal a fol 260.
[20] Il-kuntratt huwa dwar trasferiment ta' appartament u jispecifika li l-valur attribwit lill-appartament akkwistat mill-atturi huwa in parte kopert *minn hlasijiet li kienu dovuti ghal xogholijiet maghmulha minn Paul Sultana fi proprjeta' tal-vendituri*.
[21] Dan il-kuntratt huwa dwar garaxx li l-konvenut Marco Attard nominee trasferixxa lill-atturi bil-prezz ta' €7,000 dikjarat bhala diga saldat.
[22] Nota a fol 289, kuntratt a fol 290 sa 292 u kuntratt iehor a fol 293 sa 296.
[23] Nota a fol 411.
[24] Affidavit a fol 412.
[25] Ircevuta datata t-12 ta' Awwissu, 2019 a fol 413.
[26] Ftehim a fol 414 sa 416.
[27] Nota a fol 419 u ghal darb'ohra a fol 420.
[28] Kont wiehed a fol 421 u iehor a fol 422.
[29] Affidavit re-ezebit a fol 423.
[30] Kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-4 ta' Settembru, 2014 a fol 424 u 425 ghal darb'ohra dan ukoll huwa bejn il-konvenuti Eucharist u familtu fuq naha u Marco Attard f'isem il-kumpanija tieghu fuq ohra b'din id-darba dawn il-partijiet qablu li Marco Attard noe huwa debitur kostitwit ta' Eucharist Gauci pro et noe.
[31] Ftehim tad-19 ta' Novembru, 2018 re-ezebit a fol 426 sa 428.

partijiet komuni li kienu magħmulha minnu[32] kif ukoll pjanti tal-fond fejn saru l-istess.[33]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2022 saret talba għall-aċċess bil-Qorti laqgħet l-istess b'ordni li jkun hemm ukoll preżenti il-Perit Saviour Micallef.[34]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2022 il-konvenut Eucharist Gauci ddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.[35]

**Rat** in-nota tal-konvenut Eucharist Gauci tat-28 ta' Ottubru, 2022[36] b'anness magħha kontijiet maħruġa f'ismu[37] kif ukoll traskrizzjoni ta' xhieda mogħtija min Agnes Grech fil-kawża numru 68/2015[38] u komputazzjonijiet ulterjuri.[39]

**Rat** li fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru, 2022 il-kawża ġiet iddefferita għal-lum għas-sentenza bil-fakolta' li jisru noti tal-osservazzjonijiet da parti tal-partijiet.[40]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Paul Sultana,** l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[41] Iddikjara li lejn l-aħħar tal-2007 il-konvenuti Marco Attard, Frances Vella u Gregory Grech

[32] Kont a fol 429 kif ukoll a fol 430 sa 438.
[33] Pjanti a fol 439 sa 441.
[34] Verbal mhux paginat.
[35] Verbal a fol 604 u 605.
[36] Nota a fol 606.
[37] Kontijiet a fol 607 sa 610.
[38] Traskrizzjoni a fol 612 sa 615
[39] Komputazzjonijiet a fol 616 u 617.
[40] Verbal a fol 618u 619.
[41] Affidavit a fol 55 sa 57.

avviċinawh sabiex jagħmel xogħol ta' bini fi Triq is-Salini, Marsalforn. Iżid li lil Attard bnielu blokka sħiħa mentri lil Vella bnielhom pedamenti, tlett livelli ta' garaxxijiet, u tlett sulari appartamenti filwaqt li lil Grech bnielu pedamenti u tlett sulari garaxxijiet.

Jiddikjara li Vella, Attard u Grech riedu jiżviluppaw sit tagħhom flimkien ma' ġar tagħhom, Eucharist Gauci. Iżid li l-iżvilupp kollu kien ser ikun konness b'partijiet komuni.

Iżid li malli lesta x-xogħol mar perit, ħa l-kejl, u ħejja kont skont il-kejl tax-xogħol magħmul minnu.

Jiddikjara li għalkemm il-konvenut Eucharist Gauci ma' qabdux direttament sabiex jagħmel xi xogħolijiet, huwa kien konxju min dak li kien qed jagħmel fuq is-sit tant li ta' sikwiet kien ikun fuq is-sit filwaqt li ibnu Josef kien ukoll qed jibni fuq l-istess sit.

Iżid li Eucharist Gauci kien ukoll preżenti meta tlesta x-xogħol u ttieħed il-kejl sabiex jinħareġ il-kont, b'dan li anke għin lil Perit Micallef jieħu l-kejl. Iżid li Gauci qatt ma' oġġezzjona għal fatt li huwa – l-attur – ħadem fuq is-sit.

Jiddikjara li wara li ttieħed il-kejl Gauci kien ta' sikwiet iċempillu sabiex jara l-kont hux lest. Iżid li meta ħareġ il-kont, huwa beda javviċina lill-konvenuti sabiex iħallsu b'dawn kollha bdew ġejjien bil-problemi dwar min għandu jħallas kemm filwaqt li Gauci qal li l-konvenuti l-oħrajn kienu debituri tiegħu, mhux li huwa jrid iħallas lilu – lill-attur.

Jiddikjara li huwa mhux interessat jekk il-konvenuti l-oħrajn humiex debituri ta' Gauci iżda jinteressah biss li jitħallas tax-xogħol li għamel.

Jiddikjara li għalhekk irriċerka u sab li kien hemm il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi bejn il-konvenuti. Jgħid li dan il-ftehim kien dwar l-iżvilupp kif ukoll il-kwoti ta' ħlas bejn il-konvenuti. Iżid li għalhekk huwa qabad il-kont tal-Perit Micallef u qasmu skont il-ftehim ta' bejn il-konvenuti.

Jiddikjara li Grech u Vella ħallsu l-parti tal-ispejjeż tagħhom skont il-ftehim in atti Nutar Joanne Cauchi. Iżid li s-soċjeta' *LG Investments*

*Limited* ġiet dikjarata debitriċi tiegħu b'sentenza tas-26 ta' Marzu, 2013 – ċitazz. nru. 16/2013 – mentri Gauci baqgħu jirrifjutaw li jħallsu sehemhom u għalhekk kellu jagħmel din il-kawża.

Jispjega għalfejn għamel il-kawża kontra l-konvenuti kollha u jgħalaq billi jiddikjara li jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tistabbilixxi kif u min għandu jħallas il-bilanċ dovut lilu.

**In kontro-eżami**,[42] xehed li huwa ħadem fil-partijiet komuni tal-erba' konvenuti nkluż il-konvenut Eucharist Gauci. Iżid li l-konvenut Eucharist kien ikun fuq is-sit waqt li huwa kien għaddej b'xogħolu, inkluż meta kien qed jaħdem fuq il-partijiet komuni li jinteressaw lilu – lil Eucharist. Jgħid li Eucharist qatt ma' waqqfu jew qallu ma' jaħdimx fuq fejn jinteressa lilu. Iżid li anqas ibnu, l-konvenut Josef, qatt ma' waqqfu.

Jgħid li waqt li kien ikun isir il-kejl tal-partijiet komuni mil-perit, Eucharist kien ikun preżenti. Jispjega li Eucharist kien jieħu sehem attiv fil-kejl tant li l-perit ġieli ġibidlu l-attenzjoni li pulzier l'hawn u l'hemm mhux ser jagħmel differenza.

Jispjega li l-kont inqasam skond il-kuntratt ta' bejn il-konvenuti. Iżid li l-kont u l-qsim tiegħu ħa' ħsiebhom il-perit.

Ikompli li l-konvenut Eucharist ħadem fil-parti tal-binja tiegħu, Toni Vella ħadem aktar l'hemm, u huwa ħadem f'ta' kulħadd.

Jaqbel li huwa ma' Eucharist qatt ma' ftehem fuq xoghol izda tkellem mat-tliet konvenuti l-ohra.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[43] xehed li wara li nqalgħet il-kwistjoni tar-rinforzar tal-għola saqaf fil-kumpless ta' garaxxijiet huwa ħareġ kont ieħor lill-konvenut Eucharist Gauci. Jgħid li dan għamlu għax l-istess Eucharist ma' kienx aċċetta l-ewwel kont minħabba l-ħxuna tal-għola saqaf b'dan li ħariġlu kont kif ried hu, mingħajr rinfurzar iżda bħala saqaf bħal dawk ta' taħtu.

---

[42] Traskrizzjoni a fol 164 sa 173.
[43] Traskrizzjoni a fol 229 sa 235.

Jiġi ċċarat li l-kont oriġinali huwa diġa eżebit in atti, mar-rikors ġuramentat. Jeżebixxi kopja ta' kont tal-14 ta' Ottubru, 2013.[44] Jiġi ċċarat li l-kont oriġinali kien inħareġ fl-2011.[45]

Iżid li bejn l-2011 u l-2013 kienet għaddejja korrispondenza bejnu u bejn il-konvenut Eucharist Gauci.

Jgħid li Eucharist kien dejjem jgħidlu li huwa mhux ser iħallsu sakemm imbagħad qallu li ma' jaqbilx mal-kont b'dan li ġie deċiż li jinħadem kont ieħor.

Jeżebixxi sensiela ta' ittri u emails li ntbgħatu bejn ir-rappreżentanti legali tiegħu u tal-konvenut Eucharist Gauci dwar dan.[46]

**In kontro-eżami ulterjuri**,[47] xehed li huwa beda jaħdem fuq is-sit qabel il-konvenut Eucharist. Iżid li huwa ma' ħadimx fuq garaxxijiet u appartamenti ta' Eucharist iżda ħadem fuq pedamenti għal-garaxxijiet.

Jaqbel li huwa bena livell ta' garaxxijiet li messew lill-konvenuti oħra, mhux Eucharist, u Eucharist bena l-livell ta' garaxxijiet li fih messew xi garaxxijiet lilu. Jaqbel ukoll li huwa ma' ħadimx fl-art li kienet ta' Eucharist iżda ħadem fuq il-komun tal-erba' konvenuti. Jaqbel li fis-superfiċi tal-art li kienet ta' Eucharist huwa ma' ħadimx iżda jżid li l-komun ħadmu hu.

Jgħid li jista' jkun li l-ftehim in atti Nutar Joanne Cauchi raħ l-ewwel darba wara li hareġ il-kontijiet tiegħu. Iżid iżda li kien jaf li hemm Eucharist ukoll involut u li Eucharist kellu jikkontribwixxi versu l-komun. Jgħid li dan kien jgħidulu Eucharist stess.

Jgħid li Eucharist ġieli anke kopra xogħol li kien jaqa' fil-parti fejn kien qed jaħdem huwa u li kellu jagħmel huwa – l-attur – b'dan li kien jgħidlu li *flok nohrog flus […] ha maghmilha jien*.

---

[44] Kont tal-14 ta' Ottubru, 2013 a fol 236 sa 238.
[45] Ref. dok "J" mar-rik. gur a fol 25 et seq.
[46] Korrispondenza a fol 239 sa 252.
[47] Traskrizzjoni a fol 261 sa 283.

Jgħid li Eucharist kien iċempillu biss sabiex joħroġ il-kontijiet tiegħu. Iżid li meta beda l-kawża Eucharist sabu Marsalforn fuq xogħol ieħor u beda jgħajjat li messu fetaħ kawża miegħu mhux inkludih bħala konvenut.

Jaqbel li jaħdmu fil-partijiet komuni kien hemm hu fuq il-Lvant, Toni Vella fuq il-Punent, u l-konvenuti Eucharist u ibnu Josef fil-parti tan-nofs. Jgħid li għalhekk biex jitkejjel ix-xogħol kienu jkunu hemm ilkoll għaliex kellu jiġi stipulat fejn beda wieħed u spiċċa ieħor. Jgħid li żgur hekk ġara meta tkejjel ix-xogħol tiegħu b'Eucharist kien ikun hemm jindika sa fejn ħadem hu – l-attur – u jżomm ir-rutella hu – Eucharist. Iżid li Eucharist dejjem kien preżenti għal-kejl inkluż meta tkejlu l-isqfa u r-rinforzar tagħhom.

Jinsisti li jiftakar lill-perit jgħaddi kumment lil Eucharist għax kien qed ifettaq b'naqra l'hemm u naqra l'hawn.

Jgħid li huwa qatt ma' kien preżenti meta l-perit kien ikejjel ix-xogħol magħmul minn Eucharist ħlief meta tkejjel xogħol fil-komun li sar kemm minnu kif ukoll minn Eucharist.

Jaqbel li għax-xogħol qabduh it-tlett konvenuti l-oħra iżda mhux il-konvenut Eucharist.

Jaqbel li Eucharist kien isaqsih fiex waslu l-kontijiet tiegħu. Iżid li huwa lesta l-bini bil-perit imbagħad ħejja l-kontijiet u huwa bagħthom lill-konvenuti.

Jinsisti li huwa kien jaf li l-kont tal-komun kellu jinqasam bejn l-erba' konvenuti. Jerġa' jgħid li Eucharist kien jaf li huwa kien jaħdem fil-komun tant li meta, kif spjega, daħal fuq il-parti fejn kien jaħdem huwa qallu imbagħad jittranga kollox mal-konteġġji.

Jaqbel li mal-konvenuti l-oħra huwa tħallas kemm bi flus kif ukoll bi tpartit ta' proprjeta'.

**In kontro-eżami ulterjuri,**[48] ikkonferma li huwa akkwista proprjeta' mingħand il-konvenuti konjuġi Grech u l-konvenut Marco Attard. Jgħid li ma' Grech ma' sarx konvenju qabel il-kuntratt. Iżid li kien hemm

[48] Traskrizzjoni a fol 298A sa 298C.

ftehim bil-kelma li parti mil-prezz tal-proprjeta' tiġi paċuta kontra ammonti dovuti lilu għal-xogħol ta' bini li għamlilhom.

**Agnes Grech**, konvenuta, xehdet[49] li hija u zewġha għandhom sehem mil-proprjeta' li fiha kien involut fil-bini l-attur. Tiċċara li s-sehem tagħhom huwa fil-garaxxijiet. Taqbel li s-sehemijiet l-oħra huma ta' Marco Attard f'isem *LG Investments* Limited, tal-konjuġi Vella u tal-familja Gauci.

Tgħid li lill-attur kelmuh żewġha, Teddy Vella u Marco Attard.

Tgħid li għall-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi hija kienet preżenti. Tgħid li safejn taf hija l-kuntratt jgħid li ser jinbnew il-garaxxijiet bl-ispejjez ikunu bejn l-erbgħa partijiet pro rata.

Taqbel li l-bini sar mill-attur. Tgħid li huma lill-attur ħallsuh ta' sehemhom skond kont u irċevuti diġa eżebiti in atti.

Taqbel li huma ma' ħallsu xejn minn sehem Eucharist Gauci. Mistoqsija tafx li Gauci qiegħed jgħid li huma – il-konvenuti l-oħrajn – huma debituri tiegħu tgħid li safejn taf hija huma ħallsuh ta' kollox u quddiemha ma' qalx kliem hekk.

**In kontro-eżami**,[50] mistoqija dwar minn ħadem is-somom pro rata dovuti minn kull parti konvenuta tgħid li ħadimhom il-Perit Saviour Micallef.

**Xehdet ulterjorment permezz ta' affidavit**.[51] Iddikjarat li hija u żewġha ftehmu mal-konvenuti l-oħra sabiex żviluppaw artijiet tagħhom ilkoll adjaċenti għal xulxin fi Triq is-Salini, Marsalforn. Iżżid li kien sar kuntratt fl-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutat Joanne Cauchi. Tgħid li f'dan il-kuntratt ġie elenkat ix-xogħol kollu li kellu jsir minn kuntratturi differenti kif ukoll kif kellhom jinqasmu u jitħallsu l-ispejjeż tal-partijiet komuni.

[49] Traskrizzjoni a fol 58 sa 62.
[50] Traskrizzjoni a fol 62 u 63.
[51] Affidavit a fol 117 u 118.

Tgħid li in komun kien hemm il-livelli tal-garaxxijiet fejn il-kuntratturi ingaġġjati kienu l-attur, il-konvenuti Eucharist u ibnu Josef, u ċertu Toni Vella.

Iżżid li hija ma' kienitx preżenti meta ġie mitkellem l-attur iżda żewġha kien. Tgħid li l-konvenut Eucharist Gauci kellu jkun jaf bil-ingaġġjar tal-attur stante wkoll li wħud mill-appartamenti tiegħu huma mibnija fuq garaxxijiet u partijiet komuni li in parte nbnew mill-attur.

Tiddikjara li l-konvenut Eucharist Gauci qatt ma' oġġezzjona dwar l-inkarigar tal-attur jew qal li mhux ser iħallas sehemu lill-attur.

Tgħid li meta ġew biex iħallsu l-kontijiet kulħadd kellu jħallas sehemu pro rata skond il-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi. Iżżid li l-konvenut Eucharist beda joġġezzjona għal mod kif ġew ikkalkolati l-planki u l-infruzar.

Tiddikjara li huma ħallsu lill-attur s-sehem dovut minnhom pro rata.

Tgħid li kien hemm xi ħaġa dovuta lil Eucharist b'dan li huma offrew il-ħlas b'wara ddepożitaw il-valur il-Qorti u nfurmaw lil Eucharist li seta' jiżbanka meta jrid. Tgħid li eventwalment Eucharist żbanka l-ammont.

**Xehdet ulterjorment**,[52] li jaħdmu fuq il-partijiet komuni kien hemm tlett kuntratturi: Toni Vella, l-attur, u l-konvenut Eucharist. Iżżid li dawn kollha mħallsin minnhom. Iżżid li l-konvenut Eucharist tħallas billi rtira ċedola li hija u żewġha ddepożitaw il-Qorti.

Dwar tpartit ta' proprjeta' tgħid li dan sar mal-attur wara appalt li tawh fil-livell tal-appartamenti u m'għandux x'jaqsam max-xogħol li sar fil-kumpless tal-garaxxijiet.

Tgħid li l-partijiet komuni kellhom jitħallsu mill-erba' konvenuti f'persentaġġ skond in-numru ta' garaxxijiet li kull wieħed kellu.

Iżżid li d-diffikolta' rigward il-ħlas tal-ispejjeż li saru fil-partijiet komuni tirrigwarda l-ħxuna tal-għola saqaf. Tgħid li bil-kuntratt kulħadd qabel li l-ispejjeż kellhom jitħallsu skond il-persentaġġ tal-garaxxijiet iżda x'ħin

[52] Traskrizzjoni a fol 321 sa 327.

ġew għall-għola saqaf il-konvenut Eucharist Gauci rrifjuta li jħallas għaliex qal li l-ħxuna żejda f'dan is-saqaf – minn 9 pulzieri għal-21 pulzier – kellha titħallas skond kif l-istess terfa l-piż taħt il-parti tal-appartamenti ta' kull konvenut.

Terġa tgħid li oriġinarjament meta sar il-ftehim kulħadd qabel li l-ispejjeż tal-partijiet komuni kellhom jinqasmu b'dan il-punt tal-ħxuna tal-għola saqaf ma' kienx tqajjem.

Dwar il-ħxuna żejda fl-għola saqaf tal-kumpless ta' garaxxijiet tgħid li dak sar skond l-istruzzjonijiet tal-perit.

Teżebixxi kopja tal-kontijiet maħruġa mill-attur u l-irċevuti tal-ħlasijiet magħmulha minnha u min żewġha Gregory lill-attur dwar il-partijiet komuni.[53] Teżebixxi wkoll kopji ta' varji fatturi u riċevuti dwar xogħol magħmul minn terzi nkluż minn Toni Vella fil-partijiet komuni.[54] Iżżid li hija u żewġha ssaldaw sehemhom mill-kontijiet ma' kull kuntrattur inkluż l-attur.

**Xehdet ulterjorment**[55] li Toni Vella tqabbad minnha u żewġha flimkien ma' Teddy u Frances Vella u ħadem fil-partijiet komuni ta' kulħadd.

Taqbel li l-attur kien jaħdem fuq in-naħa tal-lemin, Toni Vella fuq ix-xellug, u Eucharist u ibnu Josef fin-nofs. Taqbel ukoll li l-parti tax-xellug taqa' taħt il-binjiet tagħha u żewġha kif ukoll Teddy u Frances Vella. Iżżid li lil Toni Vella ħallsuh huma ossia, hija u żewġha u l-konjugi Vella.

Taqbel ukoll li lill-attur ingaġġjawh hija u żewġha flimkien mal-konjuġi Vella u Marco Attard.

Tgħid li huma wkoll għandhom ħlasijiet x'jiġbru mingħand Marco Attard kif ukoll mingħand il-konjuġi Vella.

**In kontro-eżami**,[56] tgħid li meta tħallas Toni Vella kien għad ma' nqalgħux l-kwistjonijiet tal-planki.

[53] Dokumenti varji a fol 328 sa 339.
[54] Dokumenti a fol 340 sa 360.
[55] Traskrizzjoni a fol 586 u 587.
[56] Traskrizzjoni a fol 587 u 588.

**Marco Attard**, konvenut, xehed[57] li fuq il-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi huwa deher għas-soċjeta' *LG Investments Limited*. Iżid li dakinhar huma ftehmu li ser jinbnew il-garaxxijiet komuni bejn il-kumpanija tiegħu u bejn il-konjuġi Vella, Grech, u Gauci.

Jgħid li dakinhar tal-kuntratt ftehmu li bħala kuntrattur kien ser jitqabbad l-attur u oħrajn.

Jgħid li lill-attur kienu kellmuh qabel sar il-kuntratt. Iżid li marru jkelmuh huwa, Teddy Vella, u Gregory Grech.

Jgħid li mall-attur ftehmu li x-xogħol tiegħu kellu jitħallas pro rata u allura bejn l-erba' partijiet skond kemm kull parti kellha garaxxijiet. Jinsisti li dan kien diskors li sar minnhom meta kellmu lill-attur fejn qalulu li *dak li hu komun ser jithallas minn kulhadd. Ha jithallas bejn erbgha b'persentagg*.[58]

Jgħid li Eucharist Gauci kien jaf li l-attur ser jagħmel dan ix-xogħol apparti li deher fuq il-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi.

Jgħid li meta tlesta x-xogħol kien il-Perit Saviour Micallef li ħa l-kejl u ħareġ il-kont tal-komun li nqasam pro rata. Iżid li Eucharist Gauci wkoll għamel xi xogħol fil-komun iżda għal dan irid jitħallas minn għandu u minn għand ir-rimanenti konvenuti. Jgħid li huwa għadu ma' ħallasx sehemu lil Eucharist Gauci iżda bejniethom hemm ftehim ta' ħlas.

**In kontro-eżami**, xehed[59] li ma' jiftakarx jekk Eucharist Gauci ssemmiex dakinhar li ltaqgħu mal-attur sabiex tawh il-biċċa tax-xogħol tal-bini. Jgħid li kien hemm bennejja oħra nvoluti li lkoll tħallsu minn kien qabbadhom. Iżid li huwa għadu jaf ħlas lil xi bennejja kif ukoll xi konvenuti mill-oħra li koprew mill-ispejjeż tiegħu.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[60] xehed li fuq is-sit hemm erbgħa binjiet attigwi – tiegħu, ta' Vella, ta' Grech, u ta' Gauci b'dan li huma qablu bejniethom li sabiex ma' jinħeliex mis-sitijiet kollha issir rampa komuni

[57] Traskrizzjoni a fol 64 sa 70.
[58] Citazzjoni minn fol 67 tat-traskrizzjoni.
[59] Traskrizzjoni a fol 70 sa 71.
[60] Traskrizzjoni a fol 72 sa 74.

għall-livelli ta' garaxxijiet l-isfel mit-triq. Iżid li l-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi jirregola l-iżvilupp mill-livell tat-triq l-isfel liema xogħol sar mill-attur, huwa taħt l-erba' binjiet, u minnu ser jibbenefikaw il-konvenuti kollha.

Aktar tard, jgħid li fil-parti ta' Eucharist Gauci l-attur m'għamilx xogħol.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[61] xehed li fuq il-proprjeta' f'Marsalfron inħareġ permess wieħed u l-konvenuti kellhom ilkoll jieħdu ħsieb jibnu l-parti tagħhom. Iżid li dwar il-partijiet komuni kien hemm il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi.

Jgħid li l-partijiet komuni kellhom jinqasmu bejn kulħadd stante li kulħadd kien ser jgħaddi minnhom u minn fuq kulħadd.

Jgħid li kull parti konvenuta kienet qed tagħmel xogħol fil-partijiet komuni. Iżid li il-partijiet komuni kellhom jinbnew bilfors għax mingħajrhom ma' setgħax jittella l-bini. Iżid li l-bini jinfed għal xulxin tramite dawn il-partijiet.

Dwar ħlasijiet relattivi għal xogħol fil-partijiet komuni jgħid li kull min ħadem ħallas tiegħu.

Jgħid li huwa għamel xogħol fil-partijiet komuni tramite l-attur. Iżid li lill-attur ħallsu iżda baqagħulu jtih.

Jobbliga ruħu li jeżebixxi kopji tal-kontijiet u riċevuti tal-ħlasijiet rigwardanti s-sit in kwistjoni.[62]

**Il-Perit Saviour Micallef**, xehed permezz ta' affidavit.[63] Jiddikjara li f'xi żmien kellmuh Marco Attard, Gregory Grech u martu, Teddy Vella u martu, kif ukoll Eucharist Gauci. Iżid li qalulu li riedu jiżviluppaw proprjetajiet li kellhom adjaċenti għal xulxin fi Triq is-Salini, Marsalforn fi żvilupp wieħed. Jgħid li b'hekk dawn kienu lkoll ftehmu li ċerti spejjeż relatati mal-partijiet komuni fil-livell tal-garaxxijiet jitħallsu bejniethom

---

[61] Traskrizzjoni a fol 309 sa 314.
[62] Jezebixxi l-istess b'nota tieghu tas-7 ta' Mejju, 2018 a fol 363 bid-dokumenti a fol 364 u 365.
[63] Affidavit a fol 80 sa 82 bi pjanti a fol 83 sa 96.

skond in-numru ta' garaxxijiet li kien imisshom. Iżid li 'l fuq mill-livell tal-garaxxijiet kull parti kellha tħallas l-ispejjeż proprji tagħha.

Jiddikjara li jaf li sar xi kuntratt għand in-Nutar Joanne Cauchi għal dan il-għan.

Jgħid li huwa attenda għal diversi laqgħat mal-partijiet fejn kien jiġi diskuss dan il-kuntratt. Iżid iżda li ma' kienx preżenti meta ġie ffirmat l-istess.

Jiddikjara li huwa kien inkarigat japplika ghal-permessi u jissorvelja x-xogħol. Jgħid li peress li l-binja kienet kbira, bħala kuntratturi sabiex inbena l-livell tal-garaxxijiet kien hemm tlieta: Toni Vella fuq in-naħa tal-Punent, il-konvenuti Eucharist u ibnu Josef Gauci fin-nofs, u l-attur fuq in-naħa tal-Lvant.

Jiddikjara li ma' jafx min inkariga lill-attur sabiex jibni iżda huwa kien taħt l-impressjoni li għal dak li jirrigwarda l-komun l-ispejjeż kellhom jinqasmu skond il-kuntratt. Iżid li waqt ix-xogħolijiet l-erba' sidien kienu nvoluti u kienu jafu x'inhu jsir.

Jiddikjara li l-kejl tax-xogħol kien jieħdu huwa b'dan li kien jinforma lis-sidien – il-konvenuti – kollha li kien ser imur jieħu l-kejl. Iżid li meta waslu sabiex ikejjlu l-*basement* iltaqgħu huwa u s-sidien kollha fuq il-post u ftehmu dwar il-partijiet li kienu ser jitkellju bħala komuni.

Jeżebixxi pjanti varji redatti minnu li fuqhom, imħażżeż bl-isfar, jidhru l-partijiet li ġew kkunsidrati bħala komuni.[64]

Jiddikjara li kien huwa li rrilaxxa l-kontijiet tal-kejl eżebiti mar-rikors ġuramentat a fol 21 sa 27.

Iżid li Eucharist Gauci lmenta dwar l-aħħar kont, dak immarkat bl-ittra "J" mar-rikors ġuramentat, għax qal li s-saqaf tal-komun kien ġie rinforzat u għalhekk sostna li parti minnu ma' kelliex tkun komuni.

Iżid li huwa l-ewwel kejjel il-parti mibnija min Toni Vella u uża l-istess sistema tal-kontijiet tal-attur, b'dan li ħadd ma' lmenta. Jgħid li wara dan

[64] Pjanti a fol 83 sa 96.

kejjel il-parti mibnija mill-attur bil-konvenut Eucharist Gauci qajjem il-kwistjoni tas-saqaf rinforzat. Jgħid li fl-aħħar kejjel il-parti mibnija mill-konvenuti Eucharist u ibnu Josef u utilizza l-istess sistema fuq insistenza ta' Eucharist.

**Xehed ulterjorment**[65] u kkonferma li l-konvenut Eucharist Gauci kien konsapevoli tal-fatt li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol fil-partijiet komuni. Iżid li Eucharist kien ikun fuq il-post għaliex apparti li kien sid huwa kien ukoll qiegħed jibni flimkien ma' ibnu.

Jispjega li huwa ħareġ kont tax-xogħol li għamel l-attur fil-partijiet komuni. Iżid li dawn huma il-kontijiet in atti kif annessi mar-rikors ġuramentat u kif irrefera għalihom fl-affidavit tiegħu. Iżid li kien ukoll hu li qasam il-kont x'skond l-ishma tal-konvenuti. Jgħid li dan għamlu sabiex ikun ċar rigward min għandu jħallas xiex.

Jispjega li l-partijiet komuni kienu r-rampi, l-entratura tal-kumpless tal-garaxxijiet, soqfa, u żewġ kaxxi tat-taraġ. Iżid li bħala garaxxijiet proprja kulħadd ħa ħsieb tiegħu.

Jgħid li l-kejl tax-xogħol magħmul ħadu huwa b'dan li l-konvenut Eucharist Gauci kien jieħu sehem attiv.

Jaqbel li l-konvenut Eucharist Gauci ma' lmentax dwar l-ingaġġjar tal-attur iżda dwar l-infurzar ta' saqaf li sar eħxen minn oħrajn fejn qal li ma' kellux iħallas għal ħxuna żejda.

Iżid li huwa ma' jidħolx fil-kwistjoni dwar minn ingaġġja lill-attur għax huwa jaf li l-attur bena fejn bena. Jikkonferma iżda li l-uniku lment tal-konvenut Eucharist kien dwar il-ħxuna ta' saqaf.

Jgħid li ma' jafx għaliex il-konvenut Eucharist ma' ħallasx lill-attur u jżid li l-istess konvenut Eucharist anqas lilu ma' ħallas.

**In kontro-eżami**,[66] xehed li livelli ta' garaxxijiet kien hemm tlieta b'fuq dawn inbnew diversi appartamenti. Jaqbel li sal-livell tal-garaxxijiet il-

[65] Traskrizzjoni a fol 146 sa 152.
[66] Traskrizzjoni a fol 152 sa 162.

konvenuti ħadmu flimkien iżda minn hemm 'il fuq kulħadd mexxa għal rasu.

Jaqbel li l-bjut ta' kull livell tal-garaxxijiet saru tal-istess ħxuna li jifilħu l-karozzi mentri dak ta' fuq nett sar eħxen sabiex jiflaħ il-bini tal-appartamenti.

Rigward planki tal-konkos li kienu meħtieġa għal bjut tal-kumpless tal-garaxxijiet jgħid li l-konvenuti kollha ġabu l-planki. Jgħid li fuq il-planki sar l-infurzar meħtieġ b'konkox u xbieki skond il-każ bis-saqaf ta' fuq nett huwa nfurżat aktar mas-soqfa ta' taħtu.

Jgħid li huwa kejjel ix-xogħol tat-tlett bennejja: l-attur, il-konvenuti Eucharist u ibnu Josef Gauci, kif ukoll ta' Toni Vella.

**In re-eżami** xehed[67] li l-għola saqaf tal-kumpless tal-garaxxijiet li jifred l-istess kumpless mill-appartamenti huwa nkludieh bħala parti komuni u allura fil-kont tal-attur.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit ulterjuri**.[68] Jiddikjara li huwa dejjem irrifjuta li jinterpreta kuntratti għaliex dak mhux xogħolu. Iżid li għal-kuntratt ta' bejn il-konvenuti tal-10 ta' Ġunju, 2008 huwa ma' kienx preżenti.

Jiddikjara li wħud mill-planki fil-kumpless tal-garaxxijiet kienu tad-9 pulzieri filwaqt li oħrajn kienu ta' pied u disgħa pulzieri – 1'9". Jgħid li l-planki kollha ġew rinforzati iżda dawk ta' pied u disgħa kienu rinforzati bil-konkos u ħadid aktar oħxon. Iżid li dan peress li dawk ta' pied u disgħa riedu jerfgħu ħames sulari appartamenti.

Jiddikjara li kien huwa li qal lill-partijiet kemm iridu jkunu ħoxnin l-isqfa.

Jgħid li huwa ġie nfurmat li l-partijiet ilkoll ġabu l-planki ta' pied u disgħa li kienu neċessarji għal taħt il-binjiet tagħhom.

[67] Traskrizzjoni a fol 162 u 163.
[68] Affidavit a fol 412.

Jirreferi għal-kontijiet f'paġni ta' proċess li ma' jaqblux mal-proċess odjern u jgħid li huwa kejjel biss ix-xogħol u m'għamilx kalkolu dwar aluminju, irħam, *fire alarms*, zebgħa u xogħol ieħor hemm imsemmi.[69]

Jiddikjara li huwa ma' jikkonċernax ruħu dwar kif għandhom isiru l-ħlasijiet.

Jgħalaq billi jgħid li huwa l-kontijiet dejjem għamilhom hekk kif qalulu kull wieħed mill-4 partijiet konvenuti.

**Xehed ulterjorment**[70] li l-kumpless ta' garaxxijiet huwa fuq 3 sulari. Iżid li l-kwisjtoni nqalgħat dwar l-għola saqaf. Iżid li huwa ħareġ kont oriġinali u kont rivedut bl-oriġinali jikkunsidra l-għola saqaf kif fil-fatt inbena mentri dak rivedut juri prezz kieku l-għola saqaf inbena bħall-oħrajn ta' taħtu. Jgħid li l-kont rivedut ħarġu fuq talba ta' Eucharist Gauci. Iżid li jaħseb li talabulu sabiex jara fuq kemm qiegħdin fil-fatt jiġġieldu.

Jgħid li Eucharist deherlu li m'għandux iħallas tal-ħxuna kollha. Iżid li kien huwa li ddeċieda x'kellha tkun il-ħxuna tal-isqfa.

Mitlub jippreżenta kopji tal-kontijiet separati ta' kull wieħed mit-tlett bennejja rigward kull livell fil-kumpless tal-garaxxijiet jgħid li dawn jinsabu diġa in atti. Jirreferi għal fol 333 et seq bħala l-kont ta' l-attur.[71]

Jobbliga ruħu li jerġa jixhed bi pjanti tal-kumpless tal-garaxxijiet miegħu sabiex jispjega sew kif inħarġu l-kontijiet tat-tlett bennejja nvoluti.

**Jixhed ulterjorment**[72] billi jippreżenta tlett (3) settijiet ta' kontijiet relattivi għal-partijiet komuni fil-kumpless tal-garaxxijiet bil-pjanti relattivi:

[69] Il-Qorti tosserva li fil-kontijiet ezebiti mar-rikors guramentat u li fuqhom hija msejsa t-talba vigenti ma' jidhru ebda minn dawn ix-xogholijiet kif anqas tidher inkluza xi spiza dwar planki. Jidhru biss xolgholijiet skond it-talba.
[70] Traskrizzjoni a fol 485 sa 504.
[71] Dan fil-fatt jaqbel mal-kontijiet ezebiti mar-rik. gur. a fol 21 sa 27.
[72] Traskrizzjoni a fol 575 sa 580.

Jispjega li sett jirreferi għal dak li bena l-attur u juri xogħol fil-*basement level, intermediate level*, u *semi-basement level*. Iżid li planki mhux inklużi għaliex dawk dejjem inġiebu mis-sidien.[73]

Iżid li eżebixxa wkoll il-kont rivedut li kien intalab mil-konvenut Eucharist Gauci sabiex jara d-differenza bejn il-kont oriġinal li jikkunsidra l-għola saqaf kif inbena u li kieku l-għola saqaf inbena bħal dawk ta' taħtu.[74]

Jispjega li s-sit qiegħed bejn żewġ toroq u hemm diżlivell kbir b'dan li allura minn-naħa ta' triq minnhom huwa l-*basement* li jiġi *semi-basement*.

Jispjega li sett kontijiet ieħor jirreferi għal dak mibni fil-komun tal-kumpless tal-garaxxijiet min Toni Vella u jeżebih ukoll bil-pjanti relattivi.[75]

Iżid li l-aħħar sett ta' kontijiet jirreferi għal dak mibni mill-konvenut Eucharist Gauci ukoll fil-komun tal-kumpless tal-garaxxijiet.[76]

**Xehed ulterjorment**[77] li fil-kontijiet minnu diġa eżebiti m'hemmx inkluż xogħol magħmul mill-konvenut Eucharist Gauci fil-komun taħt il-parti tal-binja tal-appartamenti ta' Eucharist stess. Iżid li dan ix-xogħol ma' ġiex inkluż għaliex kellu jittieħed il-kejl tiegħu iżda Eucharist Gauci ma' sejjaħlux sabiex jittieħed.

**Xehed ulterjomrent waqt aċċess miżmum mill-Qorti nhar is-7 ta' April, 2022**.[78] Jgħid li skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet konvenuti l-komun fil-kumpless ta' garaxxijiet kellu jitħallas bejniethom skond in-numru ta' garaxxijiet ta' kull minn minnhom.

Jgħid li meta huwa ġie sabiex ikejjel staqsa lill-partijiet x'ser ikejjel u mexa skond kif qalulu.

---

[73] Kont a fol 510 sa 512 bi pjanti relattivi a fol 513 sa 517 li jaqbel precizament mal-kont anness mar-rik. gur. a fol 25 sa 27. Kont a fol 518 sa 519 bi pjanti relattivi a fol 520 sa 524 li jaqbel precizament mal-kont anness mar-rik. gur. a fol 23 sa 24. Kont a fol 525 sa 526 bi pjanti relattivi a fol 527 sa 530 li jaqbel precizament mal-kont anness mar-rik. gur. a fol 21 sa 22.
[74] Kont rivedut a fol 531 sa 533.
[75] Kontijiet u pjanti a fol 534 sa 560.
[76] Kontijiet u pjanti a fol 561 sa 574.
[77] Traskrizzjoni a fol 584 u 585.
[78] Traskrizzjoni mhux paginata.

Jgħid li l-għola saqaf huwa ovvjament aktar f'saħħtu għaliex rid jiflaħ il-bini. Jgħid li kien hawn li nqalgħu l-problemi.

Jgħid li huwa ma' jafx min ħallas u min poġġa l-planki tal-isqfa.

**Frances Vella**, konvenuta, xehdet[79] li hi u żewġha żviluppaw sit Marsalforn flimkien mal-konvenuti l-oħrajn. Tgħid li dwar it-tlett sulari ta' garaxxijiet – il-*basement, semi-basement,* u *intermediate* – kienu ffirmaw ftehim għand in-Nutar Joanne Cauchi. Iżżid li dan il-ftehim kien jipprovdi dwar il-qsim ta' l-ispejjeż tal-bini tal-garaxxijiet.

Tgħid li lill-attur kelmitu hija għax żewġha jkun xogħol band'oħra.

Iżżid li meta sar il-kejl tal-partijiet komuni kienu preżenti hija, l-attur, il-konvenut Eucharist Gauci, u l-Perit Saviour Micallef.

Tgħid li sa fejn taf hi l-kwistjoni kienet dwar l-infurzar għaliex iben il-konvenut Eucharist, il-konvenut l-ieħor Josef, ried jagħmlu huwa mentri l-attur ried jagħmlu huwa. Iżżid li Eucharist oġġezzjona wkoll dwar xi planki.

Tinsisti li l-attur għandu jitħallas skond il-kuntratt.

Tgħid li lill-attur hija ħallsitu a saldu tas-sehem tagħha pro rata u għandha l-irċevuti dwar dan.

Tgħid li l-perit dejjem kejjel it-tlett sulari sotterranji, ossia; is-sulari tal-garaxxijiet. Iżżid li mill-garaxxijiet 'il fuq kulħadd mexxa għal rasu.

Tgħid li meta tkejjel ix-xogħol tal-attur mil-perit, il-konvenut Eucharist Gauci kien preżenti. Iżżid li l-erbgħa sidien kienu jkunu jafu li l-perit sejjer ikejjel. Tgħid li kien javżahom il-perit stess.

**In kontro-eżami**,[80] xehdet li għall-kuntratt li sar għand in-Nutar Joanne Cauchi kien preżenti kulħadd inkluż Eucharist u ibnu Josef. Iżżid li mal-

---

[79] Traskrizzjoni a fol 97 sa 106.
[80] Traskrizzjoni a fol 106 sa 109.

kuntratt kien hemm pjanti dwar il-proġett kollu nkluż il-partijiet komuni.

Tgħid li Eucharist Gauci kien jaf li l-attur kien qed jaħdem fuq is-sit u qatt m'oġġezzjona dwar dan.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[81] xehdet li tant Eucharist Gauci kien ikun preżenti waqt li l-perit kien ikun jieħu l-kejl tax-xogħol li ġieli anke żamm ir-rutella huwa. Tgħid li dan inkluż meta kien qed jitkejjel ix-xogħol li tlesta mill-attur. Iżżid li jista jkun li kien qed jitkejjel is-sular sħiħ mhux il-parti mibnija mill-attur biss.

**Xehdet ulterjorment permezz ta' affidavit**.[82] Iddikjarat li hi u żewġha flimkien mal-konvenuti l-oħra kellhom porzjonijiet diviżi u attigwi ta' art fi Triq is-Salini, Marsalforn.

Tippreżenta skizz tal-artijiet mħejji minnha stess.[83]

Tgħid li huma l-konvenuti kollha lkoll riedu jiżviluppaw l-artijiet tagħhom b'dan li ngħaqdu sabiex il-garaxxijiet li kellhom jinbnew mill-livell tat-triq l-isfel jibnuhom flimkien u jsir aċċess wieħed għalihom b'rampa li tkun komuni għal kulħadd. Iżżid li b'hekk setgħu joħorġu b'aktar garaxxijiet. Tgħid li għalhekk marru għand in-Nutar Joanne Cauchi li ħejjiet il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008.

Tgħid li qabel sar dan il-ftehim saru diversi laqgħat inkluż għand il-Perit Saviour Micallef li kien inkarigat b'dan il-proġett. Tgħid li għal dawn il-laqgħat normalment kienu jkunu preżenti hija, Gregory, Eucharist, u Marco. Iżżid li f'laqgħa minnhom kien ġie suġġerit biex ix-xogħol sal-*basement* jingħata lill-attur. Tgħid li kulħadd qabel dwar dan b'dan li l-garaxxijiet individwali nbnew minn kuntratturi varji li kull parti qabdet għalija nfisha mentri l-kumplament – rampa tad-dħul li sservi wkoll ta' aċċess minn sular għall-ieħor tal-*basement*, soqfa, u kolonni – nbnew mill-attur.

Tispjega x'kellu jisr mill-attur. Tgħid li x-xogħol li sar mill-attur kien kollu fuq proprjeta' li kellha tkun komuni bejn il-partijiet b'dan li l-

[81] Traskrizzjoni a fol 109 sa 111.
[82] Affidavit a fol 137 sa 139 b'dokument a fol 140.
[83] Skizz a fol 140.

ispejjeż għalih kellhom allura jitħallsu pro rata mis-sidien kollha skond in-numru ta' garaxxijiet u kif kien ġie miftiehem fil-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi.

Tiddikjara li l-konvenut Eucharist Gauci kien jaf bix-xogħol li kien qed jagħmel l-attur fl-interess ta' kulħadd u m'oġġezzjonax għal dan. Iżżid li Gauci kien ukoll preżenti meta l-Perit Micallef ħa' l-kejl sabiex jinħarġu l-kontijiet tal-attur u nvolva ruħu direttament b'xi drabi anke żamm ir-rutella hu. Iżżid li anqas jista' jingħad li Gauci ma' jgawdix mix-xogħol tal-attur għax biss, biss, kieku mhux għar-rampa mibnija mill-attur lanqas ikollu aċċess għal-garaxxijiet.

Tispjega kif inqasmu l-garaxxijiet fl-iżvilupp bejn il-partijiet konvenuti tenut kont ta' x'ċedew huma mill-porzjon art li kienet oriġinarjament tagħhom inkluż sabiex inbniet ir-rampa li tagħti aċċess għal-garaxxijiet li qiegħda f'proprjeta li kienet tagħhom. Tgħid li kull parti kkonċediet ukoll servitujiet favur l-oħrajn sabiex kulħadd jinqeda kif imiss.

Tagħlaq li hija ħallset dak kollha dovut minnha lill-attur wara li nqasam il-kont maħruġ mill-Perit Saviour Micallef skond il-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi. Tirreferi għall-irċevuti eżebiti mar-risposta ġuramentata tagħha u ta' żewġha.

**Eucharist Gauci**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[84] Jiddikjara li huwa akkwista l-art fi Triq is-Salini, Marsalforn fl-2004. Iżid li meta ġie sabiex jiżviluppa l-istess qabel mas-sidien tal-artijiet adjaċenti – il-konvenuti l-oħrajn – sabiex jiżviluppaw flimkien. Jgħid li l-ftehim proprju kien li flimkien kienu ser jiżviluppaw biss il-garaxxijiet b'minn hemm 'il fuq kulħadd jimxi għal rasu. Jgħid li l-iskop wara dan kien sabiex jevitaw il-multiplikazzjoni tal-utilitajiet komuni bħal rampi.

Jispjega li setgħu jibnu l-livelli ta' garaxxijiet li bnew stante d-dislivell bejn iż-żewġ toroq li jiġu quddiem u wara s-sit meħud bħala wieħed.

Jiddikjara li għalhekk iffirmaw il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi. Iżid li l-qofol tal-ftehim kien li jinbnew 3 livelli ta' garaxxijiet bl-ispiża dwar il-partijiet komuni tinqasam bejn l-erba'

[84] Affidavit a fol 177 sa 181 b'dokument a fol 182 sa 189.

partijiet skond in-numru ta' garaxxijiet li kellha kull parti. Iżid li l-garaxxijiet proprja kellhom jitħallsu minn kull parti nfisha.

Jgħid li kulħadd inkariga kuntrattur għalih b'dan li fuq il-Punent kien qed jaħdem ċertu Toni Vella li kien ġie nkarigat mil-konvenuti konjuġi Vella u Grech mentri fuq il-Lvant kien qed jaħdem l-attur li kien ukoll ġie nkarigat mil-konvenuti konjuġi Vella u Grech biż-żieda tal-konvenut Marco Attard.

Jiddikjara li l-attur ħadem fuq it-tlett livelli ta' garaxxijiet iżda jżid li kemm l-attur kif ukoll Toni Vella ħadmu biss ġol-porzjon tal-proprjeta' li kienet tappartjeni lil min mill-konvenuti nkarigħom.

Iżid li t-tielet kuntrattur kienu huwa u ibnu u huma bnew il-parti li tiġi fin-nofs u li hija proprjeta' tagħhom. Jgħid li huma bnew kemm il-partijiet komuni kif ukoll il-garaxxijiet. Jgħid li huwa għamel ukoll xogħol fil-partijiet komuni tal-konvenuti l-oħra u ġab xi materjal neċessarju għalih.

Jiddikjara li s-saqaf l-aktar għoli fil-kumpless ta' garaxxijiet sar bi planki aktar ħoxnin u ġie rinfurzat aktar mill-oħrajn għaliex kellu jiflaħ it-toqol tal-appartamenti. Jgħid li għalhekk f'dan il-livell kulħadd ħa ħsieb il-parti tiegħu skond anke l-ftehim in atti Nutar Joanne Cauchi li skont hu kien jgħid li *wara t-tlett livelli ta' garaxxijiet imbaghad kulhadd kien liberu li jizviluppa l-arja tieghu kif irid u meta jrid hu u a spejjez tieghu*.

Jinsisti li huwa ma' qabbadx lill-attur u għalhekk lill-attur għandu jħallsu minn qabdu bl-istess mod kif tħallas Toni Vella. Iżid li mhux minnu li huwa ser jibbenefika xi ħaġa żejda minn dak li bena l-attur għax jekk jingħad hekk, ħaddiehor ser jibbenefika minn dak li bena hu.

Jiddikjara li l-ftehim kien li kulħadd kellu jqabbad kuntrattur tiegħu, iħallas lill-istess, imbagħad jiġu preżentati l-kontijiet u wieħed ipaċi ma' l-ieħor.

Jiddikjara li ma' jikkontestax li lill-attur kien jarah fuq il-lant tax-xogħol u anqas li kien ikun preżenti meta ttieħed il-kejl tax-xogħol li sar. Jgħid iżda li dan ma' jfissirx li huwa aċċetta li jħallas lill-attur. Iżid li l-kejl qatt ma' ttieħed b'mod individwali u allura qatt ma' sar kejl ta' xogħol ta'

kuntrattur, imbagħad ta' iehor, imbagħad ta' ieħor, iżda dejjem ittieħed ta' kulħadd flimkien.

Jiddikjara li l-kejl ħadu l-Perit Saviour Micallef. Iżid li fil-kejl relattiv għall-aħħar saqaf huwa ma' kienx preżenti għax hemm kulħadd ġab planki tiegħu kif ried hu. Iżid li għalhekk dwar dan kulħadd kellu jħallas il-parti tiegħu b'dan li huwa ma' kellux interess ikun preżenti għal dan il-kejl. Jgħid li din kienet kwistjoni bejniethom. Iżid li skont hu kulħadd għandu jħallas tal-parti tal-għola bejt tiegħu peress li dan ser jerfgħa l-bini ta' dak li jkun bil-planki kulħadd ġabhom gosti u bżonnijiet tiegħu.

Jgħid li l-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi jasal sal-kostruzzjoni tat-tielet livell ta' garaxxijiet biss mingħajr is-saqaf tagħhom b'dak li imbagħad jiġi l-bażi tal-blokok ta' appartamenti – allura is-saqaf ta' l-għola livell ta' garaxxijiet – kellu jkun a spejjez ta' kull parti ndividwalment.

**In kontro-eżami**,[85] mistoqsi dwar id-dikjarazzjoni fl-affidavit tiegħu fejn qal li kull kuntrattur ħadem unikament fil-parti tal-proprjeta' ta' min ingaġġjaħ, jgħid li l-kuntratturi kollha ħadmu fil-partijiet komuni li kienu ser jintużaw mill-erba' sidien. Jaqbel ukoll li skond il-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi, dwar il-partijiet komuni l-erba' sidien kellhom ilkoll jikkontrobwixxu skond in-numru ta' garaxxijiet taghhom. Jgħid iżda li dan huwa dwar fejn huwa komuni mhux fejn huma appartamenti.

Iżid li l-għola saqaf li sar iżjed rinforzat sar bl-intiża li jerfgħa t-toqol tal-appartamenti. Mistoqsi jekk fil-kuntratt in atti Nutar Joanne Cauchi dan is-saqaf ġiex eskluż bħala parti komuni jirreferi minflok għall-konvenju li ppreċeda tali kuntratt. Aktar tard jiċċita silta mill-kuntratt li taqra: *jibqa espressament miftiehem bejn il-partijiet illi dan il-ftehim ghandu jirregola biss il-bini u l-kostruzzjoni ta' tlett livelli ta' garages. Kull parti mbaghad tkun libera illi tizviluppa l-arja rispettiva taghha sovrastanti l-kumpless tal-garages meta u kif trid hi, u a spejjez taghha*.[86]

Mistoqsi jekk allura huwa fehemx li l-ftehim kien li l-għola livell ta' garaxxijiet ikun bla saqaf jgħid li le, iżda s-saqaf setgħa kien tad-9 pulzieri bħalma kienu taż-żewġ sulari garaxxijiet ta' taħtu.

[85] Traskrizzjoni a fol 190 sa 207.
[86] Il-klawsola tinsab fil-pagna tal-ftehim tal-10 ta' Gunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi li tinsab a fol 12.

Jgħid li l-ħxuna tal-isqfa kollha – planki tal-konkos b'rinforzar ulterjuri ta' konkos bix-xibka skond il-ħtieġa – ġiet deċiża mill-Perit Saviour Micallef. Iżid li fl-għola saqaf kulħadd ġab il-planki tiegħu.

Mistoqsi jekk huwa jħossx li m'għandux iħallas lill-attur għalkemm ħadem fil-partijiet komuni jinsisti li huwa lill-attur ma' qabdux u li safejn jaf hu lill-kuntrattur l-iehor, Toni Vella, ħallsu biss min qabbdu.

Jaqbel li meta tkejjel xogħol magħmul fil-partijiet komuni mill-attur huwa ġieli kien hemm. Jinsisti li huma kienu miftehmin li jinħarġu l-kontijiet tat-tlett kuntratturi, jitpoġġew fuq mejda, u jinqasmu skond il-garaxxijiet.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[87] xehed li l-attur ħadem fuq l-isqfa kollha, bi planki ta' żewġ miżuri, miżura għall-ewwel żewġ isqfa u wisgħa akbar għall-għola saqaf. Muri l-kontijiet tal-attur u mistoqsi jekk fihom hemmx inkluż l-ispejjeż għal-provvista jew tqiegħid tal-planki jgħid li semmai hemm dwar xogħol ta' rinforzar li sar minnu fuq il-planki.

**In re-eżami**,[88] xehed li kien il-perit li ddeċieda l-ħxuna tal-isqfa b'dak li dwar l-għola saqaf tal-kumpless ta' garaxxijiet kellu jikkunsidra it-toqol tas-sulari ta' appartamenti li kellhom jinbnew fuqu. Iżid li dwar l-appartamenti ħadd mill-konvenuti ma' kellu x'jaqsam ma' ħadd u kulħadd kellu jmexxi għal rasu. Jispjega li huwa u ibnu wkoll għamlu xogħol fil-partijiet komuni. Isemmi ġwiebi, artijiet, u xi soqfa. Iżid li mat-tielet sular ma' kellu x'jaqsam assolutament xejn.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[89] xehed li kieku l-għola saqaf sar bi planki tad-9 pulzieri flok pied u 9 pulzieri kif saru l-oħrajn ta' taħtu huwa kien ikun kuntent u kien jaċċetta li jħallas lill-attur. Iżid li huwa kien qabel mal-perit li l-għola saqaf ukoll isir tad-9 pulzieri.

Mistoqsi jekk l-attur taħx kont ieħor bl-għola saqaf meħud biss bħala tad-9 pulzieri mingħajr l-ispejjeż ulterjuri ta' rinfurzar jgħid li dan ma' jafux. Iżid li l-perit qallu li huwa ma' jridx jidħol fid-diskussjonijiet u li dwar l-għola saqaf kellhom jaraw x'ħawdu huma fil-kuntratt. Jgħid li wara dan

[87] Traskrizzjoni a fol 207 sa 217.
[88] Traskrizzjoni a fol 218 sa 219.
[89] Traskrizzjoni a fol 219 sa 227.

il-perit għamel fattieh u nkluda kollox dwar l-għola saqaf fil-kont tal-attur. Jgħid li kieku l-perit ikkalkula l-għola saqaf bħala tad-9 pulzieri huwa kien iħallas mingħajr problemi.

Mistoqsi jekk huwa tqabbadx jibni mill-partijiet komuni li jippretendi wkoll ħlas mingħand il-konvenuti l-oħra dwarhom jgħid li kemm-il darba huma m'għamilx hekk, u ma' beniex il-partijiet komuni tiegħu, l-oħrajn ma' kienux ikunu jistgħu jgħaddu għal-porzjon tal-proprjeta' tagħhom.

Mistoqsi jekk huwiex jifhem allura li l-partijiet komuni li bena ġewwa tiegħu m'għandux jitħallas għalihom jerġa jgħid li skont hu kulħadd kellu jħallas li nefaq bil-karti imbagħad jitpoġġew fuq mejda u ssir komputazzjoni skont in-numru ta' garaxxijiet miżmuma minn kull parti rrispettivament minn fejn inbnew il-partijiet komuni.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[90] Jiddikjara li lil Toni Vella, kuntrattur li wkoll ħadem fil-binja mertu tal-kawża, ħallsuh dawk mill-konvenuti li ngaġġjawh biss, ossia; Gregory Grech u Teddy Vella. Iżid li dan qalu Toni Vella stess f'xhieda li ta f'kawża separata. Jannetti kopja tat-traskrizzjoni tal-istess xhieda.[91] Jeżebixxi wkoll skrittura privata ffirmata bejn l-istess Toni Vella u l-konjuġi Grech li skont hu tgħid li l-istess konjuġi Grech kienu unikament reponsabbli għal-ħlasijiet dovuta lil Toni Vella.[92]

Jinsisti li huwa lill-attur ma' nkarigaħx u wisq anqas għamel xi arranġamenti miegħu b'dan li għandu jitħallas minn min inkarigah.

**Xehed ulterjorment[93]** li lill-attur huwa qatt ma' tah ebda xogħol. Jgħid li l-attur tqabbad mit-tlett sidien l-oħra ossia l-konjuġi Vella, il-konjuġi Grech u Marco Attard.

Jgħid li l-attur ħadem fuq il-Lvant u Toni Vella fuq il-Punent b'dan li huwa ħadem fin-nofs iżda għamel ukoll xi xogħol fil-Lvant u fil-Punent tas-sit.

---

[90] Affidavit a fol 366.
[91] Kopja ta' traskrizzjoni ta' xhieda moghtija fil-kawza numru 68/2015 a fol 367 sa 373.
[92] Kopja ta' skrittura privata a fol 374 sa 375 b'dokumenti maghha a fol 376 sa 386. Il-ftehim huwa unikament bejn Toni Vella u l-konjugi Grech. Il-ftehim jitratta l-appartamenti u garaxxijiet individwali mhux il-partijeit komuni.
[93] Traskrizzjoni tat-18 ta' Marzu, 2022 mhux paginata.

Jgħid li l-attur għamel xogħol individwali lill-oħrajn u xogħol fil-komun fuq in-naħa tal-Lvant.

Jgħid li l-ewwel xogħol li kien għamel huwa – ix-xhud Eucharist – kien li għalaq is-sit kollu b'ħajt fuq kull triq sabiex ma' jkunx hemm periklu lill-utenti tat-triq waqt it-tħammil. Iżid li wieħed minn dawn il-ħitan ħattu hu wara li tlesta x-xogħol mentri l-ieħor jaħseb li ħattu Toni Vella. Iżid li wara dan huwa ġab u poġġa diversi planki tad-9 pulzieri. Iżid li apparti dan huwa ħammel u bena. Jgħid li ħammel trinka għall-ilma, isfel bena l-art kollha huwa u ħammel id-*drive in* sa isfel nett. Iżid li qabbad ukoll lill ċertu Joseph sabiex ħammlu żewġ ġwiebi kbar. Iżid li huwa bena wkoll.

Jidentifika partijiet li jgħid li ħadem huwa fuq il-pjanta a fol 568 eżebita mill-Perit Saviour Micallef bħala pjanta li fuqha nħadem kont tax-xhud – ta' Eucharist. Jimmarka b'salib l-art li għamel huwa.

Jgħid li bħal ma' qabbadtx lill-attur huwa naqas qabbad lil Toni Vella.

Dwar il-ftehim bejnu u l-konvenuti l-oħrajn jgħid li dan kellu jitħaddem billi kull min iqabbad kuntrattur iħallas lill-istess huwa. Iżid li l-attur biss qed jippretendi li jitħallas minghand l-erba' (4) konvenuti għaliex Toni Vella tħallas mingħand min qabbdu u bħalu messu għamel l-attur. Żied li wara li jitħallsu l-ispejjeż u kuntratturi kollha l-konvenuti kellhom jaqsmu bejniethom fi proporzjon skond il-garaxxijiet miżmuma minn kull wieħed minnhom.

Jgħid li huwa kull ma' ġab fuq is-sit ta' kostruzzjoni ħallsu minn butu b'dan li huwa għandu jiġbor ta' dawn l-ispejjeż ukoll.

Jaqbel li l-attur ħadem fil-partijiet komuni. Jaqbel ukoll li bejnu u bejn is-sidien l-oħrajn hemm kuntratt dwar kif kellhom jinqasmu l-ispejjeż. Iżid iżda li l-attur ma' kellu ebda ftehim miegħu kif anqas kellu Toni Vella. Jerġa' jgħid li l-attur qabduh it-tlett konvenuti l-oħrajn u mhux huwa.

Jiċċara li skond il-ftehim kullħadd mill-konvenuti kellu jħallas lil min ingaġġja u l-ispejjeż li nkorra b'dan li wara l-irċevuti kellhom jinġabru sabiex issir id-diviżjoni tal-ispejjeż skond il-kuntratt ta' bejniethom. Jgħid

li per eżempju lil Joseph li ħammel il-ġwiebi ħallsu huwa kif ħallas ukoll partita konkos li ġie minn Malta. Iżid li ladarba l-attur jitħallas mingħand min qabbdu jinġiebu l-kontijiet fuq mejda u jinqasmu fil-proporzjon skond il-kuntratt ta' bejniethom il-konvenuti.

Jgħid li kif il-konvenuti l-oħrajn ħallsu spejjeż oħra bħal l-aluminju messhom ħallsu lill-attur ta' kollox imbagħad jinġabar kollox għal qasma bejniehtom l-erbgħa (4).

Jgħid li jekk it-tlett konvenuti l-oħra jħallsu lill-attur huwa ma' jkollux problema joħroġ sehemu. Jiċċara li *wara li jkunu thallsu l-kuntratturi kollha u jkun thallas kulhadd* [min] *kull min qabbdu, wara dan, kulhadd johrog il-kontijiet tieghu fuq il-mejda u jekk Teddy per ezempju nefaq tletin (30) u jekk Marku nefaq erbghin (40) u jekk l-iehor nefaq hamsin (50) u jekk jien infaqt sebghin (70) imbaghad naqsmuhom bi proportion u min ghandu jiehu jiehu u min ghandu jaghti jaghti.*[94]

Jgħid li safejn jaf huwa ma' baqa' ħadd min jitħallas ħlief l-attur.

Iżid li huwa baqalu jiġbor mingħand uhud mill-konvenuti l-oħrajn.

Dwar il-ħxuna tal-isqfa jgħid li l-problema li nqalgħet kienet fl-ewwel fiż-żewġ sulari ta' taħt l-għola saqaf intużaw planki tad-9 pulzieri. Jgħid li l-għola saqaf sar eħxen għaliex fuqu ried jibni Teddy Vella. Iżid li hawn il-planki saru ta' pied u disgħa b'rinfurzar eħxen mis-sulari ta' taħt.

Mistoqsi mil-Qorti jekk huwiex allura qed jgħid li l-ispejjeż tal-planki ta' pied u disgħa għandux ibagħtihom biss min ġabhom għax tagħhom huwa l-bini li ser jerfa' jgħid għandhom jitħallsu mill-erbgħa sidien inkluż huwa bħala tad-disgħa fi proporzjon bejniethom bid-differenza titħallas min minn ser igawdi mill-ħxuna addizzjonali għax għandu l-appartamenti fuqhom.

Iżid li huwa jqies biss sa' 9 pulzieri tal-għola saqaf fil-parti komuni, mhux aktar minn hekk.

[94] Citazzjoni mill-ewwel paragrafu a pagna 11 tat-traskrizzjoni.

**In kontro-eżami,**[95] kompla li l-attur dwar planki għamel biss l-infurzar tagħhom. Iżid iżda li ta' pied u disgħa ma' jiġux komuni.

Jerġa' jgħid li l-attur ħadem fil-partijiet komuni iżda safejn jaf huwa l-konvenuti l-oħrajn qiegħdin jippruvaw idaħħlu l-ħxuna addizzjonali tal-għola saqaf fil-partijiet komuni mentri dawk qatt ma' kienu partijiet komuni oltre minn għal 9 pulzieri.

Iżid li l-attur ħadem kif ordnalu l-Perit Saviour Micallef bl-oħrajn qed jikkunsidraw iż-żieda fil-ħxuna tal-għola saqaf bħala partijiet komuni. Iżid li safejn jaf huwa bilfors kulħadd kellu jimxi fuq l-ordnijiet tal-perit, inkluż l-attur.

Jgħid li bejn l-attur u t-tlett konvenuti l-oħrajn sar ftehim u jgħid li darb'oħra jeżebixxi kopja tiegħu.

Jinsisti li jekk huwa qabbad xi kuntratturi ħallashom huwa u bħalu kellhom jagħmlu l-konvenuti l-oħrajn. Iżid li mas-somma mitluba mill-attur f'din il-kawża huwa m'għandux x'jaqsam.

Iżid li lit-tlett konvenuti l-oħrajn Toni Vella ma' ħallihomx jaqsmu l-kont kif għamlu mal-attur iżda tħallas minn min qabbdu.

Jgħid li huwa ġie ngaġġjat mit-tlett sidien l-oħra sabiex jaħdem fil-komun iżda kuntratt bil-miktub bejnu u t-tlieta l-oħrajn dwar dan ma' sarx.

**In re-eżami,**[96] jixhed li għalkemm bejnu u t-tlett sidien l-oħra m'hemmx kuntratt bil-miktub dwar xogħol li għamel huwa, is-sidien l-oħra kienu jinżlu hemm u qatt ħadd ma' waqqfu.

**Rosemarie Sultana**, l-attriċi, xehdet[97] li l-korrispondenza b'ittri legali u emails tal-2013 kopji ta' liema ġew eżebiti f'din il-kawża minn żewġha, l-attur, kienu mibgħutha bejn l-avukat tagħhom u dak tal-konvenut Eucharist Gauci ta' dak iż-żmien. Iżżid li fl-2013 ix-xogħol ta' żewġha kien diġa lest u kienu qed jipprovaw jaslu għal-ħlas bil-kelma it-tajba.

[95] Traskrizzjoni tat-18 ta' Marzu, 2022 mhux paginata.
[96] Traskrizzjoni tat-18 ta' Marzu, 2022 mhux paginata.
[97] Traskrizzjoni a fol 254 sa 259.

Tgħid li f'din il-korrispondenza Eucharist qatt ma' qal li ma' jafhom ebda ħlas idża kien talab kont rivedut sabiex imbagħad dan jinqasam u jitħallas. Iżżid li f'emails oħrajn ġieli qal li huwa qatt ma' nkariga lill-żewġha.

Tgħid li huma kienu qablu li jikkoreġu l-kont u jitilfu l-flus basta jgħalqu l-kwistjoni. Iżżid li l-problema ta' Eucharist dejjem kienet fuq il-planki u r-rinforzar tal-għola saqaf tal-kumpless tal-garaxxijiet. Iżżid li huma ma' planki ma' kellhomx x'jaqsmu.

Tgħid li l-avukat ta' dak iż-żmien tagħhom ikkomunikat kemm-il darba ma' Eucharist dwar il-kont emendat iżda huwa qatt ma' kellimha lura.

Tikkonferma li l-konvenuti l-oħrajn, il-konjuġi Grech u l-konjuġi Vella, ħallsuhom is-sehem dovut minnhom u huma rrilaxxawlhom id-debiti riċevuti fiskali.

**In kontro-eżami**,[98] xehdet li fuq il-konvenju għat-tpartit ta' proprjeta' minn uħud mill-konvenuti favur tagħha u żewġha bi ħlas tax-xogħol magħmul minn żewġha n-nutar kienet Mariosa Grech. Iżżid li l-konvenju kien għat-tpartit ta' appartament kontra xogħol magħmul minn żewġha fuq bini ta' appartamenti u m'għandu x'jaqsam xejn max -xogħol maghmul fil-komun mentri l-kawża hija dwar spejjeż tal-komun.

Tgħid li dan il-konvenju sar mal-konvenuti konjuġi Grech b'dawn partulhom appartament kontra debitu li kellhom magħhom peress li żewġha bnielhom appartamenti oħrajn. Tinsisti li l-komun ma' kellu xejn x'jaqsam.

Iżżid li ħadu wkoll garaxx mingħand il-konvenut Marco Attard li kien debitur tagħhom b'dan anqas m'għandu x'jaqsam mal-kawża.

**Jude Thaddeus sive Teddy Vella**, konvenut, xehed[99] li huwa għandu proprjeta' fil-blokka ta' Marsalfron. Iżid li dwar il-partijiet komuni l-ispejjeż kellhom jinqasmu bejn l-erbgħa konvenuti skond il-persentaġġ ta' garaxxijiet.

[98] Traskrizzjoni a fol 284 sa 287.
[99] Traskrizzjoni a fol 315 sa 320.

Jgħid li da parti tiegħu huwa nkariga lill-attur kif ukoll lil Toni Vella. Jgħid li dawn għamlu xogħol fil-partijiet komuni tal-erba' konvenuti. Iżid li huwa ħallas sehemu fl-intier tiegħu bl-irċevuti qiegħdin annessi mar-risposta ġuramentata.

**Xehed ulterjorment**[100] dwar dokumenti eżebiti fil-proċess 69/2015 mhux f'din l-istanza liema dokumenti jinkludu kontijiet għal xogħol individwali li sar lill-partijiet hawn konvenuti. Jaqbel li hemm bilanċi pendenti bejnu u bejn Eucharist.

**In-Nutar Joanne Cauchi**, xehdet[101] li hija rrediġiet skrittura li saret bejn il-partijiet dwar żvilupp f'Marsalforn. Taraf il-kuntratt bħala dak li jibda a fol 7 tal-proċess.

Murija l-ewwel paragrafu fil-paġna tal-iskrittura li tidher a fol 11 tal-proċess, tgħid li fir-rigward tal-ispejjeż il-partijiet ftehmu li l-garaxxijiet jibnuhom flimkien. Tgħid li sulari ta' garaxxijiet kien hemm tlieta bil-partijiet pruvaw jaqblu kif ser jinqasmu l-ispejjeż. Tgħid li fil-kuntratt riedu jikkrejaw ukoll is-servitujiet sabiex jgħaddu minn fuq xulxin.

Murija l-paragrafu tal-aħħar a fol 12 li parti minnu taqra *jibqa espressament miftiehem bejn il-partijiet illi dan il-ftehim ghandu jirregola biss il-bini u l-kostruzzjoni tat-tlett livelli ta' garages. Kull parti mbaghad tkun libera illi tizviluppa l-arja rispettiva taghha sovrastanti il-kumpless tal-garages meta u kif trid hi, u a spejjez taghha*, tgħid li l-kuntratt kellu jirregola biss il-kwistjoni tal-garaxxijiet. Minn hemm 'il fuq kulħadd kellu jieħu ħsieb il-blokka tiegħu.

Iżżid li dwar planki tal-isqfa u rinforzar tagħhom ħadd mill-partijiet ma' semma xejn meta ġie redatt il-kuntratt.

**In kontro-eżami,**[102] xehdet li qabel l-iskrittura li tibda a fol 11 kien hemm konvenju li jibda a fol 182 tal-proċess u li ġie *superseded*.

[100] Traskrizzjoni a fol 399 sa 401.
[101] Traskrizzjoni a fol 389 sa 393.
[102] Traskrizzjoni a fol 393 u 394.

**Joseph Mercieca**, prodott mil-konvenut Eucharist Gauci, xehed[103] li lil Eucharist jafu għax ħadimlu Marsalforn. Iżid li ma' jafx ta' min kienet il-proprjeta' fejn ħadem għax huwa kellu biss x'jaqsam ma' Eucharist għax hu qabdu.

Jgħid li bħala xogħol għamel skavar ta' gandott u xi ġiebja.

Jgħid li huwa tħallas mingħand Eucharist għax mieghu kellu x'jaqsam. Iżid li għal xogħolu huwa ħareġ kont b'total mhux bil-kejl.

**In kontro-eżami**,[104] xehed li ma' jiftakarx meta għamel ix-xoghol ta' skavar li semma.

**Anthony sive Toni Vella**, bennej, xehed[105] li huwa ħadem fi proprjeta' fi Triq is-Salini, Marsalforn, fuq inkarigu ta' Gregory Grech u Teddy Vella. Iżid li huwa ħadem kemm fil-kumpless ta' garaxxijiet kif ukoll fl-appartamenti fuqhom.

Jgħid li huwa dejjem tħallas mingħand Gregory u Teddy bil-kontijiet inħarġu mill-Perit Saviour Micallef.

**In kontro-eżami**,[106] xehed li garaxxijiet hemm ħafna iżda huwa ħadem biss fuq naħa waħda. Iżid li huwa ma'jafx x'arranġamenti kien hemm bejn is-sidien tal-binjiet fejn ħadem. Jgħid li huwa bena, nħarġu l-kontijiet mil-perit, u tħallas.

**Fit-traskrizzjoni ta' aċċess miżmum mil-Qorti nhar is-7 ta' April, 2022**,[107] il-Qorti fil-preżenza tal-partijiet[108] ivverbalizzat li fuq il-fatt li mix-xogħol ta' l-attur ibbenefika kulħadd m'hemmx kontestazzjoni kif anqas hemm fuq il-kejl tax-xogħol u l-ammont pretiż. Ivverbalizzat ukoll li l-kontestazzjoni tal-konvenut Eucharist Gauci hija li huwa lill-attur ma' qabbdux u allura m'għandux iħallsu.

[103] Traskrizzjoni a fol 395 sa 397.
[104] Traskrizzjoni a fol 397 u 398.
[105] Traskrizzjoni a fol 581 u 582.
[106] Traskrizjzoni a fol 582 u 583.
[107] Traskrizzjoni mhux paginata.
[108] Il-prezenza tal-partijiet kollha ghajr ghal Marcu Attard hija kkonfermata fil-verbal tal-access – mhux paginat.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-atturi talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom għandhom iħallsuhom € 25,293.17 rappreżentanti bilanċ dovut fi ħlas ta' xogħol ta' kostruzzjoni magħmul minnhom l-atturi fuq partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet proprjeta' tal-konvenuti, mingħajr numru u isem fi Triq is-Salini, Marsalforn, Għawdex. Talbu wkoll kundanna għal-ħlas tal-istess valur bl-imgħaxijiet tat-8% b'effett mid-data tal-ħruġ tal-kontijiet relattivi sal-pagament effettiv.

Minn naħa tagħhom, il-konvenuti konjuġi Vella u Grech laqgħu għal dan billi eċċepew li huma ħallsu s-sehem dovut minnhom lill-atturi skond id-diċitura ta' kuntratt iffirmat mill-konvenuti kollha nhar l-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi. Il-konjuġi Grech waħedhom eċċepew ukoll li kwalunkwe' bilanċ huwa semmai dovut unikament mil-konvenuti familja Gauci.

Il-konvenuti familja Gauci eċċepew li huma m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mall-atturi u qatt ma' nkarigawhom jagħmlu xi xogħolijiet. Eċċepew ukoll li ebda xogħol li sar mill-atturi ma' kien a benefiċċju tagħhom u li l-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 huwa *res inter alios acta* għall-atturi.

Minn naħa tagħhom, il-konvenuti Marco Attard u *LG Investments Limited* għalkemm validament notifikati bir-rikors ġuramentat[109] ma' ntavolaw ebda risposta għall-istess u huma għalhekk kontumaċi.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Qabel tghaddi għal-kunsiderazzjonijiet legali tagħha din il-Qorti tħoss li huwa opportun li jingħata riassunt tal-fatti li wasslu għal din l-istanza:

[109] Vide t-timbru tan-notifika in verso pagina tal-fol 28.

i. Il-partijiet konvenuti ossia l-konjuġi Jude Thaddeus sive Teddy u martu Frances Vella, il-konjuġi Gregory u Agnes Grech, Marco Attard kif ukoll il-kumpanija tiegħu *LG Investments Limited*, u; il-konjuġi Eucharist u martu Josephine Gauci flimkien ma' binhom Josef Gauci kienu proprjetarji ta' diversi porzjonijiet ta' art attigwi għal xulxin f'Marsalforn, Għawdex;

ii. L-istess partijiet konvenuti qablu sabiex ilkoll flimkien jiżviluppaw is-sottoswol tal-porzjonijiet tal-art tagħhom f'kumpless ta' livelli ta' garaxxijiet sotterranji. Dan sabiex minflok kull binja ta' appartamenti sovrapposti jkollha kumpless ta' garaxxijiet għalija, bir-riżultat li parti sostanzjali minn kull sottoswol meħud separatament ikollha tkun sagrifikata sabiex isiru rampi għad-dħul u nżul fil-kumpless ta' garaxxijiet u oġġetti ta' użu komuni simili; il-partijiet konvenuti lkoll joħorġu b'aktar garaxxijiet kull wieħed billi l-istess oġġetti ta' użu komuni jsiru darba u jservu lill-kumpless tal-garaxxijiet kollu;

iii. Għal dan il-ghan, il-partijiet konvenuti daħlu fil-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi[110] liema ftehim jirregola l-iżvilupp tal-kumpless tal-garaxxijiet biss u kif kellhom jinqasmu l-ispejjeż fir-rigward bejn il-partijiet konvenuti skond in-numru ta' garaxxijiet miżmuma min kull waħda minnhom;

iv. Rigward l-appartamenti sovrapposti għal-kumpless tal-garaxxijiet, kull parti konvenuta kellha tmexxi separatament u a spejjeż unikament tagħha;

v. Sabiex jitħejjew il-pjanti tal-proġett u jsiru l-applikazzjonijiet għal-permessi neċessarji, il-partijiet konvenuti nkarigaw lil Perit Saviour Micallef;

vi. Għall-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet neċessarji fil-livelli ta' sottoswol fejn inbnew id-diversi livelli ta' garaxxijiet tal-konvenuti tqabbdu tlett bennejja: l-attur Paul Sultana, il-konvenuti Eucharist u ibnu

[110] Ftehim anness mar-rik. gur. a fol 7 sa 14 kif ukoll ikkonfermat bix-xhieda tan-Nutar Joanne Cauchi.

Josef Gauci, u terz estranju għal din l-istanza, ċertu Anthony sive Toni Vella;

vii. Wara li tlesta x-xogħol relattiv, il-Perit Saviour Micallef ha l-kejl neċessarju u ħareġ diversi settijiet ta' kontijiet f'isem kull bennej involut fil-kostruzzjoni tal-livelli sotterranji tal-kumpless tal-garaxxijiet;[111]

viii. Il-kontijiet inħarġu b'totali għad-diversi livelli tal-kumpless tal-garaxxijiet intestati lil kull bennej bħala total dovut mingħajr ma' saret distinzjoni bejn min mill-konvenuti għandu jħallas xiex;

ix. Jirriżulta li l-atturi iżda spezzettaw il-kontijiet tagħhom u filwaqt li ġabru xi ħlasijiet in parte minn uħud mill-konvenuti u laħqu xi tip ta' arranġament ma' oħrajn, baqalhom jiġbru bilanċ b'dan li għalkemm fetħu din il-kawza kontra l-konvenuti kollha; l-attur iddikjara li l-konvenuti konjuġi Vella u Grech ħallsuh, kontra l-konvenuta *LG Investments Limited* hemm deċiżjoni tal-Qorti b'kundanna għal-ħlas, mentri l-konvenuti konjuġi Gauci baqgħu jirrifjutaw li jħallsuh sehemhom.[112] Huwa hawnhekk li nqagħlu l-kontestazzjonijiet.

Il-kontestazzjonijiet li nqalgħu kienu da parti tal-konvenuta familja Gauci li allegat li:

(a) huma m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi billi ma' inkarigawx lill-attur jagħmel ebda xogħol u għalhekk m'għandhom jagħmlu ebda ħlas favur tiegħu iżda, l-istess bħal ma' ġara fil-każ ta' Toni Vella, l-attur għandu jitħallas min minn mill-konvenuti l-oħra nkarigah b'dan li mbagħad il-konvenuti jagħmlu l-konteggji opportuni bejniethom;

(b) il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi huwa *res inter alios acta* għall-atturi;

[111] Ref. kontijiet mahruga f'isem l-attur annessi mar-rik. gur. a fol 21 sa 27 u ghal-darb'ohra ezebiti mil-Perit Saviour Micallef flimkien mal-pjanti relattivi a fol 510 sa 530 u kontijiet mahruga liz-zewg bennejja l-ohra ezebiti mil-Perit Saviour Micallef a fol 534 sa 574.

[112] Fl-affidavit tieghu a fol 55 sa 57 l-attur jiddikjara li l-konvenuti Grech u Vella hallsu l-parti tal-ispejjez taghhom skont il-ftehim in atti Nutar Joanne Cauchi mentri s-socjeta' *LG Investments Limited* giet dikjarata debitrici tieghu b'sentenza tas-26 ta' Marzu, 2013 – citazz. nru. 16/2013 – filwaqt li l-konvenuti familja Gauci baqghu jirrifjutaw li jhallsu sehemhom u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza.

(c) l-għola saqaf tal-kumpless tal-garaxxijiet jew ma' kellux jitqies bħala parti komuni jew, jekk kellu jitqies bħala komuni, kellu biss jitqies fil-wisgħa ta' disgħa pulzieri, bl-istess mod li tqiesu l-isqfa ta' taħtu, u mhux bħala ta' pied u disgħa pulzieri kif riduh uħud mill-konvenuti l-oħrajn għal finijiet tagħhom;

(d) l-attur ma' ħadimx f'dawk il-partijiet tal-komun tal-kumpless tal-garaxxijiet li jiġu taħt il-binja tagħhom.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħdud dan, din il-Qorti tibda sabiex tikkonferma li m'hemmx kontestazzjoni li x-xogħol fil-livell tas-sottoswol għall-iżvilupp tal-kumpless tal-garaxxijiet sar kif anke osservat il-Qorti stess fl-aċċess li żammet nhar is-7 ta' April, 2022.

L-anqas hemm kontestazzjoni li l-attur ħadem f'dan il-livell bil-konvenut Eucharist Gauci stess, f'diversi stadji tax-xhieda mogħtija minnu, jgħid mingħajr tlaqliq li lill-attur kien jarah jaħdem fuq is-sit.

Anqas hemm kontestazzjoni li l-kontijiet tal-bennejja kollha nħarġu mil-Perit Saviour Micallef, il-perit responsabbli mill-proġett, fuq kejl tax-xogħolijiet magħmulha mill-bennejja li ħa huwa stess, fil-preżenza ta' wħud mill-partijiet f'kull istanza ta' kejl. B'dan iżda li l-konvenuta familja Gauci tqajjem kontestazzjonijiet dwar l-għola saqaf.

Il-kontestazzjonijiet tal-konvenuta familja Gauci huma dawk enumerati hawn aktar 'il fuq b'dan li din il-Qorti tħoss li għandha tibda sabiex tikkunsidra l-kontestazzjoni dwar ir-relazzjoni ġuridika u l-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi qabel tgħaddi għall-osservazzjonijiet ulterjuri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Rigward l-eżistenza o meno ta' relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-konvenuta familja Gauci jingħad li l-familja Gauci tinsisti li huma lill-attur qatt ma' tawh xi xogħol fil-kumpless ta' garaxxijiet in mertu. Dan

jikkonfermawh kemm l-atturi nfishom – inkluż fix-xhieda konsistenti ta' l-attur iżda wkoll sa' mill-istadju bikri tar-rikors ġuramentat[113] - kif ukoll il-konvenuti konjuġi Vella u Grech fejn fix-xhieda tagħhom jgħidu li kienu huma li ngaġġjaw lill-attur u lit-terz Toni Vella.

Il-konvenuta familja Gauci tgħid ukoll li huma la qatt laħqu ftehim mall-atturi u anqas igawdu xejn mix-xogħol li għamel l-attur.[114]

Huwa verosimili li l-konvenuta familja Gauci ma' ngaġġjat ebda bennej indipendenti tenut kont li kemm il-konvenut Eucharist kif ukoll il-konvenut ibnu Josef huma bennejja huma stess.

Olte minn hekk, irriżulta ċar, in partikolari mill-aċċess li nżamm nhar is-7 ta' April, 2022,[115] li m'hemm ebda kontestazzjoni li t-tlett bennejja nkarigati sabiex jeżegwixxu x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fil-livelli tal-kumpless tal-garaxxijiet, primarjament ħadmu fuq żoni speċifiċi tal-kumpless. Ix-xhieda huma konsistenti li filwaqt li l-attur ħadem fuq in-naħa tal-Lvant, il-konvenuti Eucharist u ibnu Josef Gauci ħadmu fin-nofs mentri t-terz Toni Vella ħadem fuq il-Punent.

Jirriżulta ugwalment ċar li t-tlett bennejja lkoll ħadmu fil-partijiet tal-kumpless ta' garaxxijiet konsistentement meqjusa mill-partijiet ilkoll kemm huma kif ukoll mil-perit responsabbli mill-proġett bħala partijiet "komuni" liema partijiet komuni jibbenefikaw minnhom il-partijiet konvenuti kollha tant li l-konvenuti konjuġi Vella u konjuġi Grech qajla jiddistingwu bejn partijiet komuni u partijiet separati tagħhom fil-livelli tal-garaxxijiet – għajr għal-garaxxijiet u *car ports* proprja li lkoll huma maqsuma bejniethom b'mod definit – u huwa biss il-konvenut Eucharist Gauci li f'diversi stadji jittenta jagħmel distinzjoni bejn xogħol f'"tiegħu" jew f'ta' ħaddieħor jew xogħol taħt il-binja ta' appartamenti tiegħu jew ta' ħaddiehor.

B'dan li, tenut kont tal-ġurisprudena nostrana nkluża dik iċċitata mill-konvenuta familja Gauci stess fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom:

> *In linea ta' principju generali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'gudizzju trid, necessarjament, titwieled minn rapport*

[113] Vide l-ewwel premessa tar-rikors guramentata a fol 1.
[114] Ref. *inter alia*, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta familja Guaci.
[115] Ref verbal a fol 594 kif ukoll it-traskrizzjoni tal-access - mhux paginata.

*guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, lezjoni ta' dritt minn intervent delittwuz jew akwiljan, ope successionis* ***jew minn sitwazzjonijiet ta' certi servitujiet****.*[116]

[Emfażi miżjuda minn din il-Qorti].

Hawnhekk, din il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut Eucharist Gauci f'diversi stadji tax-xhieda tiegħu jittenta jiddistingwi x-xogħol li sar fil-kumpless tal-garaxxijiet bħala xogħol jew komuni jew li sar f'żona li qabel kienet distinta, u jżid jgħid li taħt il-binja tal-appartamenti tiegħu ma' sar ebda xogħol mill-attur; l-istess xogħol sar bl-intiża ċara li jiġu krejati diversi partijiet komuni u servitujiet – kif anke xehdet in-Nutar Joanne Cauchi li rrediġiet il-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008. B'dan li wara li sar l-istess xogħol saru ċertament komuni diversi partijiet fil-kumpless tal-garaxxijiet li l-konvenuti lkoll jinneċessitaw li jutilizzaw sabiex igawdu l-garaxxijiet tagħhom.

B'hekk ġew allura kreati servitujiet varji li jagħmlu ċio' li bejn l-atturi u l-konvenuta familja Gauci ġiet stabbilita relazzjoni ġuridika.

Dan apparti, u kif tajjeb josservaw fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħhom l-atturi kif ukoll il-konvenuta familja Gauci; minkejja li l-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi huwa ċertament *res inter alios acta* għall-atturi; bejn il-konvenuti temani s-solidarjeta' ai termini tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 115 tal-Kap. 13, Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi tal-Kummerċ, li jipprovdi:

**115.** (1) *Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma' jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati insolidum.*

B'dan li sabiex "att" ikun ikkunsidart bħala wieħħd kummerċjali dan irid ikun jew magħmul minn "kummerċjant" ai termini tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 13[117] jew ikun "att ta' kummerċ" kif definit fl-Artikolu 5 tal-Kap. 13.

---

[116] Ref. id-decizjoni moghtija nhar id-9 ta' April, 2008 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited***. Ref. ukoll id-decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Ottubru, 2009 fl-ismijiet ***Edgar Urpani pro et noe vs Continetal Meat Co. Ltd***.

[117] **4.** *Kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali.*

Intrapriża ta' bini hija "att kummerċjali" ai termini tal-paragrafu (g) ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 13.[118] Għalhekk, u ġjaladarba s-servizz provdut mill-attur kien ta' bini għandhom japplikaw il-proviżżjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ u fil-konfront tal-atturi tapplika allura s-soliderjeta' preżunta tal-konvenuti kemm li qabbduh kif ukoll li magħhom ġiet stabbilita' relazzjoni ġuridika dment li ma' jirriżultax mod ieħor f'każ ta' ftehim kuntrarju ai termini tal-Artikolu 115 preċitat.[119]

Ebda ftehim kuntrarju ma' jiriżulta f'dan ir-rigward b'dan li allura tissussisti s-solidarjeta' bejn il-konvenuti kollha fil-konfront tal-atturi.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-atturi sa' mill bidu nett espremew li jemmnu fid-dritt tagħhom li jmexxu kontra l-konvenuti kollha *in solidum*, u dan minkejja li ammettew li huma ġabru ħlasijiet mingħand il-konvenuti konjuġi Vella u Grech kif ukoll li hemm deċiżjoni kontra l-konvenuta *LG Investments Limited*.[120] L-atturi għamlu dan aktar ċar fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħhom.

Il-fatt li l-atturi aċċettaw ħlas ta' parti mid-dejn mingħand konvenuti individwali ma' jġibx fix-xejn l-obbligi *in solidum* tal-konvenuti.

Dan kif jemani mill-Artikolu 1105 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li talvolta japplika tenut kont tal-Artikolu 3 tal-Kap. 13.[121]

L- Artikolu 1105 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi senjatament:

> **1105.** *(1) Il-fatt li l-kreditur jircievi bicca mid-dejn, f'darba waħda jew iżjed, mingħand wieħed jew iżjed mid-debituri insolidum ma jfissirx rinunzja għall-obbligazzjoni in solidum, la favur id-debitur jew id-debituri li jkunu ħallsu l-biċċa mid-dejn, lanqas favur l-oħrajn, għalkemm il-*

---

[118] **5.** *Huma atti tal-kummerċ – […] (g) Kull intrapriża ta' provvisti, manifattura, bini, ġarr, sigurtà, depożiti, spettakoli pubbliċi u ta' reklam.*

[119] Ref. id-decizjoni moghtija nhar l-4 ta' Gunju, 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Avv. Damien Degiorgio nominee vs Express Logigroup Limited et***. Ref. ukoll id-decizjoni moghtija mill-istess Qorti nhar il-5 ta' Dicembru, 2011 fl-ismijiet ***George Debattista et vs Id-Direttur ta' l-Ufficju Kongunt et***.

[120] Ref. inter alia, id-dicitura tat-talbiet atturi fejn dawn jghidu li l-Qorti ghandha tiddikjara u tordna lill konvenuti jew min minnhom jaghmlu l-hlas tal-bilanc reklamat. Ref. ukoll l-affidavit tal-attur a fol 55 sa 57 fejn wara li jiddikjara min inkarigah u li huwa qasam il-kontijiet tieghu bejn il-konvenuti, izid li huwa jemmen li l-konvenuti li qabduh huma resposabbli kull kif *in solidum* izda li jhalli f'idejn din il-Qorti sabiex tiddeciedi hi dwar dan.

[121] Kap. 13, A. **3.** *F'affarijiet ta' kummerċ, tgħodd il-liġi tal-kummerċ: Iżda, fejn din il-liġi ma tiddisponix, igħodd l-użu tal-kummerċ, u, fin-nuqqas ta' dan l-użu, tgħodd il-liġi ċivili.*

*kreditur, meta rċieva dik il-biċċa, ma jkunx żamm espressament il-jedd għall-azzjoni tiegħu insolidum jew il-jeddijiet tiegħu in ġenerali.*

*(2) Dan igħodd ukoll meta l-kreditur jagħmel xi talbaġudizzjarja kontra wieħed jew iżjed mill-kondebituri għal biċċa mid-dejn.*

*(3) Lanqas jingħadd li hemm rinunzja, għalkemm is-somma meħuda b'akkont jew mitluba tkun daqs is-sehem tad-dejn li għalih id-debitur li jkun ħallas, jew li kontra tiegħu tkun saret it-talba għall-ħlas, huwa obbligat bejnu u l-kondebituri l-oħra.*

L-arranġamenti nterni bejn il-konvenuti abbażi tal-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi jibqa kull kif viġenti u a disposizzjoni tagħhom in linja mal-Artikolu 1106 tal-Kap. 16 li jistipula:

**1106.** *L-obbligazzjoni tad-debituri in solidum lejn il-kreditur, tinqasam ipso jure bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wieħed għal sehmu biss.*

Fir-rigward tal-interssi mitluba mill-atturi japplika s-subinċiż (1) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 li jiddisponi kif isegwi:

**1141.** *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

Fil-kaz *de quo*, ma' ġietx speċifikata preċiżament id-data tat-tlestija tax-xogħolijiet magħmulha mill-attur fil-kumpless tal-garaxxijiet iżda hemm id-dati tat-tlett kontijiet maħruġa f'ismu mil-Perit Saviour Micallef, fuq kejl tax-xogħol magħmul mill-istess perit.

Huwa ċar li ladarba tkejjel ix-xogħol dan kien lest fid-dati varji tal-kontijiet u għalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-konvenuti dwar il-kontijiet,[122] din il-Qorti ser tikkunsidra l-istess dati ta' kull wieħed mit-

[122] Il-konvenuti kollha ghajr Marco Attard u *LG Investments Limited* li huma kontumaci u l-familja Gauci jaqblu mall-istess inkluz formalment – ref. nota a fol 77 u verbal a fol 112 – filwaqt li l-familja Gauci tghid biss li f'tali kontijiet gew inkluzi spejjez dwar rinforzar tal-ghola saqaf tal-kumpless tal-garaxxijiet – is-saqaf tal-livell identifikat mil-Perit Svaiour Micallef bhala s-*semi-basement*; ref. kont "J" anness mar-rik. gur. a fol 25 sa 27 – li skont il-konvenut Eucharist Gauci kellu semmai biss ikun in komun bejn il-konvenuti kollha

tlett kontijiet maħruġa f'isem l-attur bħala dik rilevanti għal kalkolu tal-imgħaxijiet.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Dwar il-kontestazzjoni tal-konvenuta familja Gauci li l-għola saqaf tal-kumpless tal-garaxxijiet jew ma' kellux jitqies bħala parti komuni jew, jekk kellu jitqies bħala komuni, kellu biss jitqies fil-wisgħa ta' disgħa pulzieri, bl-istess mod li tqiesu l-isqfa ta' taħtu, u mhux bħala ta' pied u disgħa pulzieri kif riduh uħud mill-konvenuti l-oħrajn għal-finijiet tagħhom; din il-Qorti tosserva li l-partijiet ilkoll, inkluż il-konvenuta familja Gauci, jaqblu li l-ħxuna tal-isqfa kienet dettata mil-perit u li kulħadd obda lill-perit dwar dan. Dan jixhdu wkoll il-Perit Saviour Micallef inniffsu.

L-argument tal-kovnenut Eucharist Gauci li dan is-saqaf ma' kellux jitqies komuni żgur mhux wieħed kondiviż minn din il-Qorti li anke mid-diċitura tal-kuntratt tal-10 ta' Ġunju, 2008 tifhem li flimkien il-partijiet konvenuti kellhom jibnu sal-livell tal-garaxxijiet b'dan li baqa' *espressament miftiehem bejn il-partijiet illi dan il-ftehim ghandu jirregola biss il-bini u kostruzzjoni tat-tlett livelli ta' garages. Kull parti imbaghad tkun libera illi tizviluppa l-arja rispettiva taghha sovrastanti l-kumpless tal-garages meta u kif trid hi, u a spejjez taghha*.[123]

Huwa ċar għal din il-Qorti li jekk il-partijiet ftehmu li jibnu sal-livell ta' garaxxijiet u li jiżviluppaw l-arja tal-istess; tali livell ta' garaxxijiet kien jikkomprendi saqaf sabiex ikun kompletat.

L-argument alternattiv tal-istess konvenut Eucharist Gauci li semmai l-għola saqaf kellu jitqies komuni biss fil-ħxuna ta' disgħa pulzieri bħal l-oħrajn ta' taħtu u mhux ta' pied u disgħa pulzieri anqas ireġġi meta dan ġie meqjus, imkejjel u konteġġjat bħala ta' pied u disgħa pulzieri wara struzzjonijiet mogħtija mil-perit responsabbli għal-proġett sabiex isir ta' dik il-ħxuna.

Dwar il-kontijiet ta' l-attur li fuqhom hija msejsa t-talba attriċi; kif diġa intqal huwa ċar li l-attur ħadem fil-partijiet komuni kollha b'dan li

sal-hxuna ta' disa' pulzieri u mhux aktar, bil-kumplament wara tali disa' pulzieri tkun ghal minn ibbenefika minnha.

123 L-ahhar paragrafu shih fil-pagna tal-ftehim li tinsab a fol 12 tal-process.

jirriżulta li l-istess attur ħadem fuq partijiet li huma mhux biss utli iżda neċessarji għall-konvenuti kollha – bħar-rampi komuni – inkluż il-konvenuta familja Gauci.

Dawn l-istess partijiet fis-sottoswol fejn ħadem l-attur ġew mkejjla bl-iskop li jinħarġu l-kontijiet relattivi mil-perit responsabbli mil-proġett, il-Perit Saviour Micallef, kif jixhdu kemm il-partijiet ilkoll kif ukoll il-perit inniffsu, b'ħadd mil-partijiet ma' ikkontesta l-kejl *de quo*. Oltre għal fatt li l-konsistenza tal-provi miġbura turi li kull meta ttieħed xi kejl mil-perit dejjem ġew imsejħa jattendu l-partijiet, bil-konvenut Eucharist Gauci kien dak li attenda l-aktar sikwit u ħa anke sehem attiv fil-kejl.

Il-kontijiet tal-attur li fuqhom hija msejsa din it-talba għalhekk jidentifikaw b'mod ċar u li miegħu qablu l-partijiet ilkoll dak li fuqu ħadem l-attur, bil-kontestazzjoni tal-konvenut Eucharist Gauci dwar fejn ħadem l-attur allura titlef is-sens tagħha.

Dwar it-talba għal-ħlas magħmula mill-atturi fil-valur ta' € 25,293.17 din il-Qorti tosserva li oltre l-fatt li l-partijiet kontendenti kollha lkoll qablu li l-kontijiet kollha inħarġu mill-Perit Saviour Micallef fuq kejl li ħa hu fil-preżenza ta' wħud mill-partijiet kull darba li ttieħed kejl, meqjusa l-matematika tal-ħlasijiet magħmulha lill-atturi minn xi konvenuti u l-perċentwali dovuta minn kull konvenut fl-arranġament interni tagħhom – li dina l-Qorti dment li għandha quddiemha l-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 xorta tista tissindika għalkemm mhux għal-fini li tiddeċiedi din il-kawża – jirriżulta ampjament ċar li l-valur reklamat, li ma' ġiex kontestat jew kontradett, huwa ġust u meritat.

Dan jingħad senjatament stante li l-ħlasijiet diġa magħmulha lill-atturi jammontaw għal valur ta' € 20,500 imallsa mil-konjuġi Grech[124] u € 15,050 imħallas mill-konjuġi Vella[125] għal valur kumplessiv ta' € 35,550.

Il-valur totali tal-kontijiet li fuqhom huma msejsa t-talbiet atturi huwa ta' € 65,991.69[126] b'dan li jekk mill-istess jitnaqqsu l-valuri mħallsa mill-konvenuti konjuġi Grech u Vella u mhux kontestati mill-kumplament tal-partijiet jifdal € 30,441.69.

124 Ircevuti a fol 328 sa 332.
125 Risposta guramentata a fol 45 sa 48 bil-kontijiet u relattivi ricevuti ta' hlas a fol 49 sa 51.
126 Ref. kontijiet annessi mar-rik. gur a fol 21 sa 27 kif ghal darb'ohra ezebiti mill-Perit Saviour Micallef inniffsu bil-pjanti b'kollox li fuwhom gew msejsa il-kontijeit a fol 510 sa 530.

It-talba attriċi hija għal € 25,293.17 bid-differenza bejn din is-somma u dik kalkolata supra ta' €30,441.69 hija ta' € 5,148.52 u trid tirreferi allura għal valur dovut jew mħallas mill-konvenut Marco Attard.

Tenut kont tal-fatt li skond il-ftehim tal-10 ta' Ġunju, 2008 in atti Nutar Joanne Cauchi:

i. il-konjuġi Vella għandhom 25 garaxx u ħallsu lill-attur € 15,050;
ii. il-konjuġi Grech għandhom 34 garaxx u ħallsu lill-attur € 20,500;
iii. *LG Investments Limited* għandha 31 garaxx u ġiet kanonizzata debitriċi tal-attur bid-deċiżjoni numru 16/2013 tas-26 ta' Marzu, 2013 fejn għalkemm l-ammont jeċċedi bil-bosta dak imħallas mill-konvenuti konjuġi Grech u Vella dan kien jinkludi fih diversi xogħolijiet magħmula lilha mill-attur oltre dawk komuni fil-kumpless tal-garaxxijiet, u;
iv. il-familja Gauci għandha 42 garaxx u lilha huwa attribwit mill-konvenuti l-oħrajn il-bilanċ ta' € 25,293.17 hawn mitlub mill-atturi.

Tirriżulta verosimili, oltre li mhux kontestata fil-valur tagħha, is-somma reklamata mill-atturi fil-valur ta' € 25,293.17.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha konsistentement ma' dak hawn deċiż:

1. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti kollha responsabbli *in solidum* għal-ħlas tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€ 25,293.17) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut fi ħlas għal-xogħolijiet ta' kostruzzjoni li saru mill-attur fil-partijiet komuni tal-kumpless tal-garaxxijiet mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq is-Salini, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex;

2. tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€ 25,293.17) flimkien mill-imgħaxijiet dovuti b'effett mid-data tal-ħruġ ta' kull kont tal-atturi ossia, mid-data tat-8 ta' Lulju, 2009 fir-rigward tax-xogħol li sar fil-livell *basement*, mid-data tat-18 ta' Jannar, 2010 fir-rigward tax-xogħol li sar fil-livell *intermediate*, u; mid-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2011 fir-rigward tax-xogħol li sar fil-livell *semibasement* sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tal-fatti speċe tal-kawża skond il-provi prodotti u ta' l-eċċezzjonijiet imqajma mill-partijiet konvenuti; l-ispejjeż ta' din il-kawża nkluż l-ittri uffiċjali msemmija fir-rikors ġuramentat jinqasmu in kwantu għal 40% kontra l-konvenuta familja Gauci u 60% f'porzjonijiet ugwali bejn ir-rimanenti konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur